# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Ħamis, 13 ta' Lulju, 2023

**Numru 9**

**Rikors Numru 1090/19TA**

**Astra Associated Services s.r.l. (Kodiċi Fiskali Taljan numru 05277601000)**

**vs**

**Aerospace Engineering Services Ltd (C-75422)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tas-Soċjetá Associated Services Ltd (is-Soċjeta' Attriċi) tat-13 ta' Novembru 2019 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. "Illi l-kumpannija rikorrenti hija kumpannija Taljana registrata mal-Camera di Commercio ta' Ruma u topera fis-settur tal-avjazzjoni bhala Charter Broker;

2. Illi l-kumpannija rikorrenti kienet dahlet f'negozju mal-kumpannija intimata fejn il-kumpannija rikorrenti, wara li tigi kkuntatjatha minn xi Tour Operator rigward vjaggi illi dan tal-ahhar kien ikollu bzonn ghall-klijenti tieghu, kienet tixtri numru ta' *rotations* fuq rotot partikolari ghal certu perjodi minghand il-kumpannija intimata. Bhala korrispettiv ghal dan is-servizz, il-kumpannija rikorrenti kienet thallas somma ta' flus skond il-prezzijiet miftiehma mal-kumpannija intimata. L-irwol tal-kumpannija intimata kien ta' kumpannija tal-ajru charter, fejn l-istess kumpannija topera fis-suq bl-isem 'Fly LeOne';

3. Illi l-arrangament spjegat fil-paragrafu precedenti kien jitnizzel bil-miktub fl-hekk imsejha '*Annexes'* (ara bhala ezempju '**DOK A**'). Ghal kull bwon fini jinghad illi ghalkemm dawn huma '*Annexes'* u jirreferu ghal 'Charter Agreement N. 00001.01/2019', dan id-dokument qatt ma gie ffirmat u b'hekk m'ghandux sahha ta' ligi bejn il-partijiet;

**<u>Security Deposits</u>**

4. Illi kull Annex kien jirrikjedi illi l-kumpannija rikorrenti thallas '*Security Deposit*' skond it-termini msemmija fl-Annex stess;

5. Illi minkejja illi l-kumpannija rikorrenti dejjem hallset dawn is-security deposits rikjesti, kien hemm serje ta' titjiriet illi gew ikkancellati mill-kumpannija intimata jew rapprezentanti taghha u li b'hekk qatt ma saru minnha, u dan ghal ragunijiet illi m'ghandhiex x'taqsam maghhom il-kumpannija rikorrenti. L-ammont totali mhallas mill-kumpannija rikorrenti lill-kumpannija intimata f'dan ir-rigward huwa ta' mitejn u tlett elef erba' mija u hamsin Ewro (€203,450) (ara dokumenti annessi u mmarkati '**DOK B1–DOK B3'**, '**DOK C1–DOK C3**' u '**DOK D1–DOK D2**');

6. Illi nonostante illi dawn it-titjiriet qatt ma saru ghal ragunijiet indipendenti mill-volonta` tal-kumpannija rikorrenti, dan l-ammont qatt ma gie rifuz lilha mill-kumpannija intimata;

***<u>'Reprotection</u>***'

7. Illi peress illi l-kumpannija intimata kkancellat diversi titjiriet, il-kumpannija rikorrenti kellha tidhol f'diversi spejjez agguntivi sabiex hija tottempera ruhha mal-obbligi taghha, inkluzi dawk l-obbligi emanenti mir-Regolament tal-Unjoni Ewropeja numru 261/2004 tal-Parlament u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza ghal passiggieri fil-kaz li ma jithallewx jitilghu u ta' kancellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet. Dan kien fundamentali wkoll sabiex il-kumpannija rikorrenti tara illi ma tiddisturbax la r-relazzjoni kuntrattwali illi l-passiggier ikollu mat-Tour Operator u lanqas dik konsegwenzjali bejn it-Tour Operator u l-kumpannija rikorrenti;

8. Illi ghalhekk, hekk kif il-kumpannija rikorrenti giet infurmata bil-kancellazzjoni tat-titjiriet relevanti, kellha tidhol f'numru ta' kuntratti ad hoc ma' diversi Charter Operators terzi sabiex dawk ir-rotations illi kellhom jigu operati bit-titjiriet tal-kumpannija intimata kif miftiehem ai termini tal-Annexes, jimtlew xorta wahda minn titjiriet ta' dawn l-operaturi terzi u dan sabiex tohloq l-anqas inkonvenjent possibbli lill-klijenti taghha. Li kieku ma sarx hekk, il-kumpannija rikorrenti kienet tesponi ruhha ghal serje ta' kawzi ghal danni sofferti mill-klijenti taghha u dan minhabba l-kancellazzjoni tat-titjiriet mill-kumpannija intimata ghal ragunijiet illi l-kumpannija rikorrenti ma kellha xejn x'taqsam maghhom;

9. Illi l-ispejjez agguntivi msemmija johorgu mid-diskrepanza bejn il-prezzijiet generalment aktar vantaggjuzi miftiehma mal-kumpannija intimata u l-prezzijiet generalment aktar salati tac-Charter Operators terzi li kellhom jitqabbdu ta' malajr, liema diskrepanza tammonta ghat-total ta' hames mija tnejn u erbghin elf hames mija erbgha u disghin Ewro u hamsin centezmu (€542,594.50) (ara t-tabella ta' dawn l-ispejjez agguntivi kif ukoll l-Annexes applikabbli annessi u mmarkati rispettivament '**DOK E**' u '**DOK F1-DOK F9**');

10. Illi nonostante li dawn l-ispejjez agguntivi gew inkorsi mill-kumpannija rikorrenti unikament minhabba illi t-titjiriet miftiehma mal-kumpannija intimata gew ikkancellati mill-istess kumpannija intimata jew rapprezentanti taghha, lanqas dan l-ammont ghadu ma thallas lill-kumpannija rikorrenti minn dik intimata;

**<u>Pagamenti maghmula lil terzi f'isem il-kumpannija intimata</u>**

11. Illi l-kumpannija rikorrenti hallset ammont ta' tliet mija tnejn u tletin elf u erbatax-il Ewro (€332,014) lil terzi f'isem il-kumpannija intimata, liema ammont kienu dovut mill-kumpannija ahharija;

12. Illi dan l-ammont huwa kostitwit kif gej:

a) Is-somma ta' mitejn u tmintax-il elf seba' mija u hamsin Ewro (€218,750), rapprezentanti ammont illi l-kumpannija intimata kellha thallas lil kumpannija Bulgara ALK JSC u illi thallas mill-kumpannija rikorrenti f'isem il-kumpannija intimata tramite zewg pagamenti (ara prova tal-pagamenti annessi u mmarkati '**DOK G1**' u '**DOK G2**');

b) Is-somma ta' mija u tlettax-il elf mitejn erbgha u sittin Ewro (€113,264), rapprezentanti serje ta' fatturi illi kienu dovuti mill-kumpannija intimata lill-diversi persuni u li gew imhallsa mill-kumpannija rikorrenti f'isem il-kumpannija intimata (ara tabella ta' pagamenti effettwati f'dan is-sens annessa u mmarkata '**DOK H**);

13. Illi minkejja illi dawn il-pagamenti kienu dovuti mill-kumpannija intimata u thallsu f'isimha mill-kumpannija rikorrenti, l-intimata baqghet ma rrifonditx l-ammont imhallas mir-rikorrenti;

**Ammont Totali**

14. Illi minn dan ghalhekk isegwi illi hemm bilanc ta’ miljun tmienja u sebghin elf tmienja u hamsin Ewro u hamsin centezmu (€1,078,058.50) illi huwa dovut mill-kumpannija intimata lill-kumpannija rikorrenti;

15. Illi nonostante illi l-kumpannija rikorrenti interpellat lill-kumpannija intimata diversi drabi ghall-hlas tas-somma infraskritta, inkluz permezz tal-ittra ufficjali numru 4141/2019 (ara kopja tal-ittra ufficjali annessa u mmarkata ‘**DOK I**’), il-kumpannija intimata baqghet inadempjenti;

16. Ghal kull bwon fini, qieghed jigi anness ma’ dan ir-rikors guramentat l-affidavit dikjaratorju ta’ Antonio De Ponti (ara affidavit anness u mmarkat ‘**DOK J**’);

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, il-kumpannija rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

1. Tiddikjara illi l-kumpannija intimata hija debitrici tal-kumpannija rikorrenti fis-somma ta’ mitejn u tlett elef erba’ mija u hamsin Ewro (€203,450) rapprezentanti somma ta’ security deposits imhallsa mill-kumpannija rikorrenti lill-kumpannija intimata ghal titjiriet illi kellhom isiru izda illi gew ikkancellati mill-kumpannija intimata jew rapprezentanti taghha ghal ragunijiet indipendenti mill-volonta` tal-kumpannija rikorrenti, u li ghalhekk ghandhom jigu rifuzi lir-rikorrenti;

2. Tikkundanna u tordna lill-kumpannija intimata thallas din is-somma ta’ mitejn u tlett elef erba’ mija u hamsin Ewro (€203,450) lill-kumpannija rikorrenti;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kumpannija intimata hija debitrici tal-kumpannija rikorrenti fis-somma ta’ hames mija tnejn u erbghin elf hames mija erbgha u disghin Ewro u hamsin centezmu (€542,594.50) rapprezentanti somma ta’ spejjez agguntivi inkorsi mill-kumpannija rikorrenti sabiex taghmel ir-reprotections illi saru neccessarji unikament minhabba illi t-titjiriet miftiehma mal-kumpannija intimata ai termini tal-hekk imsejha *Annexes* gew ikkancellati mill-istess kumpannija intimata jew rapprezentanti taghha ghal ragunijiet indipendenti mill-volonta` tal-kumpannija rikorrenti, u li ghalhekk ghandha taghmel tajjeb ghalihom il-kumpannija intimata;

4. Tikkundanna u tordna lill-kumpannija intimata thallas din is-somma ta’ hames mija tnejn u erbghin elf hames mija erbgha u disghin Ewro u hamsin centezmu (€542,594.50) lill-kumpannija rikorrenti;

5. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kumpannija intimata hija debitrici tal-kumpannija rikorrenti fis-somma ta' mitejn u tmintax-il elf seba' mija u hamsin Ewro (€218,750) rapprezentanti somma ta' flus illi thallset mill-kumpannija rikorrenti f'isem il-kumpannija intimata lill-kumpannija Bulgara ALK JSC ghall-ammonti dovuti mill-kumpannija intimata;
6. Tikkundanna u tordna lill-kumpannija intimata thallas din is-somma ta' mitejn u tmintax-il elf seba' mija u hamsin Ewro (€218,750) lill-kumpannija rikorrenti;
7. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kumpannija intimata hija debitrici tal-kumpannija rikorrenti fis-somma ta' mija u tlettax-il elf mitejn erbgha u sittin Ewro (€113,264) rapprezentanti somma ta' flus illi thallset mill-kumpannija rikorrenti f'isem il-kumpannija intimata ghal numru ta' fatturi illi kienu dovuti mill-kumpannija intimata lil diversi persuni;
8. Tikkundanna u tordna lill-kumpannija intimata thallas din is-somma ta' mija u tlettax-il elf mitejn erbgha u sittin Ewro (€113,264) lill-kumpannija rikorrenti.

Bl-imghax applikabbli u l-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 4141/2019 fuq imsemmija kif ukoll dawl tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment mar-rikors odjern.

Il-kumpannija intimata hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni taghha."

Rat ir-risposta ġuramentata tas-Soċjeta' Aerospace Engineering Services ltd (is-Soċjeta' Konvenuta tat-23 ta' Diċembru 2019 li permezz tiegħu wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. "Illi t-talbiet attriċi kif dedotti fil-konfront tal-kumpannija esponenti għandhom jiġu respinti fit-totalita` tagħhom stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża u senjatament minħabba s-segwenti raġunijiet:

    i. IIlli kwalunkwe ħlasijiet illi saru mill-attriċi lill-esponenti saru akkont ta' ħlasijiet dovuti mill-attriċi lill-esponenti għal servizzi reżi lill-attriċi mill-esponenti fuq inkarigu tagħha stess u/jew ġew paċuti ma ħlasijiet dovuti lill-esponenti in konnessjoni mal-imsemmijin servizzi. Mhux talli l-ebda ammont ma huwa dovut lill-attriċi mill-esponenti, iżda kif ser jiġi elaborat u pruvat fit-trattazzjoni tal-kawża odjerna, hija l-attriċi illi hija debitriċi tas-soċjeta` esponenti għall-bilanċ ta' ħlas ta' servizzi lilha reżi. In oltre, l-attriċi kisret l-obbligi tagħha assunti favur l-esponenti u b'konsegwenza ta' din l-inadempjenza u l-aġir abbuziv tal-attriċi. L-esponenti soffriet danni inġenti. F'dan ir-rigward, l-esponenti qed tipprevalixxi ruħha mir-rikors ġuramentat tal-attriċi sabiex

tintavola l-kontra talba tagħha fil-konfront tal-attriċi kontestwalment ma dina r-risposta ġuramentata;

ii. Illi in oltre, wara li l-attriċi kisret l-obbligi tagħha assunti favur l-esponenti, hija rrikonoxxiet dawn in-nuqqasijiet u aċċettat illi tassumi r-responsabbilta` għal xi pagamenti illi kienu dovuti mill-esponenti lit-terzi msemmijin mill-attriċi fir-rikors promotur, u addirittura ġie iffirmat ftehim f'dan is-sens (vide l-ftehim anness u mmarkat **Dok. AES2**). Illi għaldaqstant, l-allegazzjoni illi l-attriċi għamlet xi pagamenti f'isem l-esponenti hija inveritiera u dawk il-pagamenti illi l-attriċi qed tippretendi rifużjoni tagħhom mingħand l-esponenti, saru mill-attriċi in ottemperanza mal-obbligi minnha assunti fil-ftehim preċitat;

iii. Illi rigward l-allegati spejjeż inkorsi mill-attriċi in konnessjoni ma *reprotections* għal titjiriet li tħallsu lil terzi, jiġi sottomess illi l-esponenti ma għandha l-ebda obbligu skont il-liġi li tagħmel tajjeb għal tali *reprotections* fir-rigward tat-titjiriet li ġew ikkanċellati, u dan għas-segwenti raġunijiet:

a. Fl-ewwel lok, jingħad illi l-esponenti ma għandha l-ebda obbligu skont il-regolamenti u liġijiet relattivi illi tagħmel tajjeb għal *reprotections* għal tali titjiriet li ġew ikkanċellati, u dan skont *inter alia* ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, partikolarment stante illi skont dawn ir-regolamenti l-obbligu li tagħmel dawn ir-*reprotections* huwa tal-kumpannija attriċi u in ogni każ, dawn it-tijieriet ġew ikkanċellati aktar minn erbatax-il ġurnata qabel id-dati skedati tat-titjiriet.

b. Fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju, fil-ftehim ta' bejn il-partijiet, huma eskludew tali *reprotections* u dawn kellhom ikunu r-responsabilita` tal-attriċi.

c. Fit-tielet lok u wkoll mingħajr preġudizzju, l-attriċi ma ħallsitx lill-esponenti il-pagamenti mifthiema għal tali *flights* li kienu kkanċellati, u għalhekk ma jista jirriżulta l-ebda obbligu illi jsir *reprotection* għal tali flights.

d. Fir-raba lok u wkoll mingħajr preġudizzju, l-esponenti ma kkanċellat l-ebda flights, stante illi dawn ġew ikkanċellati minn terzi barra mill-kontroll tal-esponenti. L-esponenti offriet lill-attriċi illi tagħmel arrangamenti alternattivi, iżda l-attriċi irrifjutat;

iv. Illi għaldaqstant l-attriċi ma għandha l-ebda jedd għal xi kumpens jew rifużjoni mingħand l-esponenti;

v. Illi fid-dawl tal-eċċezzjonijiet suċitati jiġi rilevat wkoll illi l-proċeduri odjerni huma abbuż manifest da parti tal-attriċi tal-proċeduri

ġudizzjarji. L-attriċi kienet ben konxja tal-fatt illi l-esponenti kienet għadha kemm sofriet dannu konsiderevoli per konsegwenza tal-aġir tal-istess attriċi, u għalhekk il-kawża odjerna saret unikament sabiex l-attriċi tantiċipa azzjoni ġudizzjarja inevitabbli fil-konfront tagħha minn naħa tal-esponenti. Dan qed jingħad partikolarment fid-dawl tan-natura vessatorja u fiergħha tal-pretensjonijiet, u wkoll il-mod affrettat illi bih ġew inizzjati u segwiti il-proċeduri relattivi. Bħala operatur fl-istess settur tal-esponenti, l-attriċi hija ben konxja tal-fatt illi, l-esponenti ma tistax tibqa topera mingħajr mezzi finanzjarji u addirittura tista' tfalli. Huwa ċar illi din il-kawża, u b'mod partikolari il-mandat ta' sekwestru ippreżentat kontestwalment mal-kawża, sar unikament sabiex l-esponenti ma tkunx posizzjoni illi tibqa topera n-negozju tagħha u kwindi ma tkunx f'posizzjoni illi tinizzja u ssostni proċeduri legali fil-konfront tal-attriċi, b'dan illi l-esponenti tiġi għarkubtejha u tkun kostretta tirrinunzja għall-pretenzjonijiet tagħha u tifthiem mal-attriċi. F'dan ir-rigward, l-esponenti qiegħda minn issa żżomm lill-attriċi responsabbli għad-danni kollha illi hija qiegħda ssofri u ser issofri b'konsegwenza tal-proċeduri fiergħa, abbużivi u vessatorji minnha ppreżantati, u tirriżerva kwalunkwe dritt spettanti lilha skont il-liġi fil-konfront tal-attriċi għall-ħlas ta' danni, penali u imgħax;

vi. Illi in ogni każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, kwalunkwe ammonti pretiżi mill-attriċi huma esaġerati u jridu jiġu ppruvati skont il-liġi.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn imsemmija u hekk kif ser jiġi elaborat matul is-smiegħ tal-proċeduri odjerni, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda fit-totalita` tagħhom minn dina l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi provvedimenti illi jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont kif tippermetti l-liġi,

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi illi minn issa hija nġunta in subizzjoni."

Rat li s-Soċjetá Konvenuta prevaliet ruħha mit-talbiet tas-Soċjetá Attriċi u ppreżentat kontro-talba kontestwalment mar-risposta ġuramentata li permezz tagħha ppremettiet  u talbet is-segwenti:-

**"Dikjarazzjoni tal-Fatti**

1. Illi r-rikonvenzjonanti Aerospace Engineering Services Limited ("AES") hija kumpannija rreġistrata f'Malta sa mit-28 ta' April 2016 u n-negozju tagħha huwa l-immaniġjar ta' flotta ta' ajruplani u l-operat ta' titjiriet ta' dawn l-ajruplani, liema titjiriet hija tbiegħ bħala *charters* lill-*brokers* bħal ma hija r-rikonvenzjonata Astra Associated Services S.r.l. ("Astra"). Ir-

rikonvenzjonanti hija liċenzjata mill-Awtorita` għat-Trasport *inter alia* skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 bic-ċertifikat numru MT.MG.103, sabiex tkun tista topera fis-settur tal-avjazzjoni u tipprovdi s-servizzi tagħha. (kopja ta' dan iċ-ċertifikat anness u mmarkat **Dok. AES1**).

2. Illi Astra hija kumpannija rreġistrata fl-Italja, mingħajr presenza lokali, u hija *broker* għas-servizzi ta' titjiriet illi hija ticcharterja mingħand operaturi ta' ajruplani u li sussegwentement hija tbiegħ lill-konsumaturi klijenti tagħha;

3. Illi f'Marzu tas-sena 2019, Astra ingaġġat lil AES sabiex tipprovdilha titjiriet fl-ammont ta' disa' mitt siegħa (900 *block hours*), liema siegħat kellhom jiġu utilizzati minn Astra f'*chartered flights* bejn ix-xhur ta' Ġunju u Ottubru 2019. Astra kellha tinforma lil AES bil-quddiem sabiex isiru l-arranġamenti meħtieġa għat-titjiriet. Astra kellha tħallas lil AES depositu għat-titjiriet ipprenotati fi żmien sebat (7) ijiem mill-prenotazzjoni u sussegwentement jitħallas il-bilanċ tal-ħlas għal dawn it-titjirieti sa mhux aktar tard minn sebat ijiem tax-xogħol qabel id-dati tat-titjiriet;

4. Illi sabiex AES tkun tista' tipprovdi dawn is-servizzi lil Astra, AES daħlet f'Aircraft Crew Maintenance Insurance Agreement (ACMI) mas-soċjeta` ALK JSC ("ALK"), kumpannija rreġistrata fil-Bulgarija, permezz ta' liema AES kriet Ajruplan b'titolu magħruf bħala *wet lease* għall-perjodu li fih kellhom jiġu prestati s-servizzi lil Astra. In oltre`, peress illi AES kienet għadha ma ottjenietx Air Operator Certificate (AOC) mill-awtoritajiet Maltin, liema ċertifikat huwa effettivament l-awtorizzazzjoni meħtieġa sabiex ikun jista' jittajjar l-ajruplan in kwistjoni, AES daħlet fi ftehim ieħor mas-soċjeta` BUZZ Aero S.r.l. ("Buzz"), kumpannija rreġistrata fir-Rumanija, u għalhekk AES setgħet ittajjar dan l-ajruplan bl-AOC tas-soċjeta` Buzz. Dawn iż-żewġ ftehim mat-terzi saru bl-intervent ta' Astra illi saħansitra ssuġġeriet lil dawn it-terzi u sussegwentement assistiet fin-negozjati sabiex saru dawn il-ftehim, liema ftehim ġew konklużi f'April tas-sena 2019;

5. Illi ftit wara li AES kkommettiet ruħha ma dawn it-terzi sabiex tkun tista' tonora l-obbligi tagħha assunti favur Astra, irriżulta illi Astra ma kellha l-ebda intenzjoni u/jew kapaċita` illi tagħmel użu minn dawn id-disa mitt *block hours* illi kienet intrabtet ma' AES bihom, u meta ppressata mill-esponenti, Astra kkonfermat ma' AES illi kienet ser tagħmel prenotazzjonijiet ta' titjiriet fl-ammont ta' tlett mitt (300) block hours biss;

6. Illi Astra irrikonoxxiet din l-inadempjenza tagħha u ġiet iffirmata skrittura bejn il-partijiet fl-4 ta' Lulju 2019, permezz ta' liema, Astra obbligat ruħha illi kienet ser tassumi r-responsabbilita` għal ħlas ta' diversi spejjeż li kienu dovuti lis-soċjetajiet Buzz u ALK;

7. Illi mhux talli hekk, iżda Astra bdiet tonqos milli tħallas id-depositi minnha dovuti għat-titjiriet ipprenotati skont kif mifthiem. B'konsegewenza ta' dan kollu, AES kienet anke ssosspendiet il-ftehim ma Astra għal xi perjodu, stante illi ma kienux qed isiru l-pagamenti tad-depositi dovuti lill-esponenti;

8. Illi minbarra d-depositi, AES lanqas ma ħallset lil AES l-ammont minnha dovut għat-titjiriet effetwati minnha għal Astra. Kif jirriżulta mid-diversi fatturi illi ntbgħatu lil Astra flimkien ma diversi interpellazzjonijiet għall-ħlas tal-istess, l-ammont kumplessiv dovut minn Astra għas-servizzi prestati lilha minn AES huwa ta' sebgħin elf seba mija u tlieta u ħamsin Ewro u ċenteżmu (€70,753.01) (kopja ta' dawn il-fatturi annessi u mmarkati **Dok. AES3);**

9. Illi sussegwemnetement, ġara illi, għal raġunijiet barra mill-kontroll ta' AES, is-soċjeta` Buzz, tilfet l-AOC tagħha mingħand l-awtoritajiet fir-Rumanija.AES infurmat lil Astra bl-akkadut u l-fatt illi kienet ser tagħmel l-arranġamenti meħtieġa sabiex tkompli tipprovdi s-servizzi lil Astra. Madankollu, Astra użat din l-opportunita bħala skuża, u mingħajr ma tat l-opportunita` lil AES tagħmel l-arranġamenti tagħha, ddeċidiet immedjatament illi tittermina r-relazzjoni tagħha ma' AES u għażlet illi tingaġġa operatur ieħor. Din it-terminazzjoni saret mingħajr ebda raġuni valida u hija manuvra li saret bl-uniku skop illi Astra tipprova taħrab mill-obbligi tagħha assunti favur AES, inkluż illi tħallas dak minnha dovut lil AES, partikolarment id-danni inġenti inkorsi minn AES b'konsegwenza tal-inadempjenza tal-istess Astra;

10. Illi kif ingħad, b'konsegwenza ta' din l-inadempjenza u t-terminazzjoni abbużiva minn-naħa ta' Astra, AES sofriet danni inġenti. Mhux biss AES għamlet telf ta' qliegħ prospettat, iżda addirittura ġiet rinfaċċjata bi spejjeż sostanzjali illi hija kienet purament inkorriet sabiex taqdi l-obbligi tagħha assunti favur l-istess Astra;

11. Illi dawn l-ispejjeż jinkludu *inter alia* ħlasijiet dovuti lis-soċjetajiet ALK u Buzz in konnessjoni mal-ftehim suċitati, ħlasijiet ta' salarji u ħlasijiet ta' manutenzjonijiet tal-ajruplani;

12. Illi fil-frattemp, saru diversi skambji sabiex tiġi risolta din il-vertenza u sabiex Astra tħallas lil AES il-ħlasijiet u d-danni minnha dovuti, iżda kien kollu għal xejn;

13. Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza tar-rikonvenzjonanti.

**<u>Raġuni tat-Talba</u>**

1. Illi r-rikonvenzjonanti qed taffaċja proċeduri mir-rikonvenzjonata minħabba nuqqasijiet tar-rikonvenzjonata stess, li ġiet taqa u tqum mill-obbligi tagħha assunti favur ir-rikonvenzjonanti;

2. Illi tali nuqqasijiet tar-rikonvenzjonata ikkawżaw preġudizzju ekonomiku u danni lir-rikonvenzjonanti, u dan kif ser jigi ippruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri;

3. Illi dawn id-danni inġenti ġew sofferti mir-rikonvenzjonanti, *inter alia*, stante illi hija kkommettiet ruħha b'obbligazzjonijiet ma terzi sabiex tkun tista' tonora l-obbligi tagħħa assunti mar-rikonvenzjonata;

4. Illi minbarra dawn id-danni, ir-rikonvenzjonata lanqas ma ħallset l-ammont ta' sebgħin elf seba mija u tlieta u ħamsin Ewro u ċenteżmu (€70,753.01), rappreżentanti l-bilanċ dovut minnha għas-servizzi reżi lilha mir-rikonvenzjonanti;

5. Illi minkejja li ġiet interpellata sabiex tħallas dan l-ammont ta' sebgħin elf seba mija u tlieta u ħamsin Ewro u ċenteżmu (€70,753.01), flimkien mad-danni kollha sofferti mir-rikonvenzjonanti, anke permezz ta' ittra uffiċjali numru 4517/2019, kopja ta' liema hija annessa u mmarkata **Dok. AES4**, ir-rikonvenzjonata baqgħet inadempjenti;

6. Illi ir-rikonvenzjonanti, fid-dawl taċ-ċirkostanzi, ma fadalliex alternattiva ohra għajr illi tintavola din ir-rikonvenzjoni.

**<u>Talbiet</u>**

Għaldaqstant, u in vista tas-suespost ir-rikonvenzjonati titlob bir-rispett, illi prevja kwalsiasi provvedimenti oħra illi jidhrilha xierqa u opportuni, dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi r-rikonvenzjonata Astra Associated Services S.r.l. kisret l-obbligi tagħħa assunti favur ir-rikonvenzjonanti Aerospace Engineering Services Limited meta hija ma utilizzatx il-*block hours* mifthemin bejn il-partijiet u meta unilateralment itterminat il-ftehim ta' bejn il-partijiet;

2. Tiddikjara li ir-rikonvenzjonata hija responsabbli għad-danni mġarrbin mir-rikonvenzjonanti b'riżultat tal-agir tal-istess rikonvenzjonata, bl-imgħaxijiet legali;

3. Tillikwida d-danni msemmija fil-punt preċedenti okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi;

4. Tikkundanna u tordna lir-rikonvenzjonata sabiex tħallas id-danni hekk likwidati lir-rikonvenzjonanti;

5. Tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikonvenzjonata hija debitriċi tar-rikonvenzjonanti fis-somma ta' sebgħin elf seba mija u tlieta u ħamsin Ewro u ċenteżmu (€70,753.01) rappreżentanti l-bilanċ dovut mir-

rikonvenzjonata għall-servizzi ta' *chartering* ta' *flights* reżi lir-rikonvenzjonata mir-rikonvenzjonanti fuq inkarigu tagħha stess;

6. Tikkundanna lir-rikonvenzjonata tħallas is-somma ta' sebgħin elf seba mija u tlieta u ħamsin Ewro u ċenteżmu (€70,753.01) fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra r-rikonvenzjonata li minn issa hija nġunta in subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata tas-Soċjetá Attriċi għall-azzjoni rikonvenzjonali tas-Soċjetá Konvenuta tat-22 ta' Jannar 2020, li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:-

1. "Illi qabel xejn irid jigi rrimarkat illi l-kumpannija rikonvezjonanta sa mill-bidu rrapprezentat ruhha mal-kumpannija rikonvenzjonata Astra Associated Services s.r.l. bhala kumpannija tal-ajru illi kellha taht isimha ajruplani, fosthom ajruplan Boeing B737-400. Eventwalment izda, u dan anke` kif evidenti mid-dokument ipprezentat mill-kumpannija rikonvenzjonanta stess fil-kontrotalba taghha (ara 'DOK AES1' hemm anness) rrizulta illi din il-kumpannija ma kellha l-ebda ajruplan taht ismiha izda kienet topera biss ajruplani provduti minn terzi stante li lanqas biss kellha l-licenzji applikabbli;

2. Illi l-kumpannija rikonvenzjonata fl-ebda punt ma kisret l-obbligi taghha jew altrimenti pruvat tahrab minnhom u ghalhekk ma tistax tinstab responsabbli ghal ebda danni allegatament sofferti mill-kumpannija rikonvenzjonanta. Ghall-kuntrarju ta' dak li tallega l-kumpannija rikonvenzjonanta fil-kontrotalba taghha, il-kumpannija rikonvezjonata Astra Associated Services s.r.l. dejjem ghamlet dak kollu li setghet sabiex issalva negozju li fih, kif inhu anke` evidenti mir-rikors guramentat intavolat minnha u kif sejjer jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, kienet investit ammont sostanzjali ta' hin u flus, izda li minhabba diversi nuqqasijiet u weghdiet mhux mantnuti tal-kumpannija rikonvenzjonanta Aerospace Engineering Services Ltd, il-kumpannija rikonvenzjonata spiccat inkorriet gerha enormi fil-kontijiet taghha ta' aktar minn miljun Ewro;

3. Illi di piu` l-kumpannija rikonvenzjonata lanqas ma tista' tinsab b'xi mod responsabbli ghal danni allegatament sofferti mill-kumpannija rikonvenzjonanta "*meta unilateralment itterminat il-ftehim ta' bejn il-partijiet*" stante li kwalunkwe` ftehim li seta' gie tterminat, gie tterminat biss minhabba l-kumpannija rikonvenzjonanta Aerospace Engineering Services Ltd jew rapprezentanti taghha jew nies altrimenti mqabbdin minnha;

4. Illi lanqas ma jista' jinghad illi l-kumpannija rikonvenzjonata kienet altrimenti inadempjenti fl-obbligazzjonijiet taghha favur il-kumpannija rikonvenzjonata hekk kif hi (l-Astra Engineering Services s.r.l.) qatt ma accettat l-ebda responsabbilita` favur l-Aerospace Engineering Services Ltd peress li kif sejjer jigi pruvat fil-mori tal-kawza, kumpanniji terzi li kienu ben konxji tas-solidita` finanzjarja tal-kumpannija rikonvenzjonata (hawn esponenti) talbuha, flimkien mal-kumpannija rikonvenzjonanta stess Aerospace Engineering Services s.r.l., sabiex tintervjeni u tipprova ssalva negozju illi kien qieghed ifalli minhabba l-inadempjenza tal-kumpannija rikonvenzjonanta;

5. Illi l-kumpannija rikonvenzjonata mhix debitrici tal-kumpannija rikonvenzjonanta fis-somma imsemmija fil-kontrotalba u dan peress li l-ammont imsemmi la jirrizulta li hu gustifikat u wisq anqas dovut. Di fatti, l-ammont reklamat ma jaqbilx mal-fatturi u credit notes ezebiti mill-kumpannija Aerospace Engineering Services Ltd bhala 'DOK AES3' annessi mal-kontrotalba. Ghal kull bwon fini jinghad li tali dokumenti jaghmlu referenza ghal hlasijiet ta' allegati titjiriet li kif sejjer jirrizulta ma sarux mill-kumpannija rikonvenzjonanta izda li saru minn kumpanniji terzi, ohrajn li jinkludu servizzi li ma kellhomx jithallsu mill-kumpannija rikonvenzjonanta, kif ukoll ohrajn inezistenti;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez."

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Qrat ix-xhieda fil-kawża.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-2 ta' Mejju 2023, fejn il-kawża tħalliet għallum għas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Is-Soċjetá Attriċi hija reġistrata l-Italja u taġixxi bħala *charter broker* billi tbiegħ lill-konsumaturi klijenti tagħha servizzi ta' titjiriet illi hija ssib tikri

(charter) mingħand operaturi ta' inġenji tal-ajru (ara nota soċjetá Attriċi fol 134 para 2.1 u nota soċjetá Intimata fol 185 l-aħħar paragrafu). Skont is-soċjetá Attriċi, dawn il-konsumaturi klijenti tagħha huma *tour operators* (ara nota fol 134 para 2.2 u l-parti tal-affidavit ta' Antonio De Ponti hemm ċitat).

**2.** Filwaqt li s-Soċjetá konvenuta hija reġistrata Malta sa mit-28 ta' April 2016 u hija liċenzjata mal-Awtoritá għat-Trasport Malta bħala organizzazzjoni li hija konformi ma Section A, Subpart G ta' Anness 1 (Part-M) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 dwar il-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji ta' l-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol (ara ċertifikat a' fol 56 u dokumenti relattivi a' fol 57 sa 63). Kif deskritt minnha, "*n-negozju tagħha huwa l-immaniġjar ta' flotta ta' ajruplani u l-operat ta' titjiriet ta' dawn l-ajruplani, liema titjiriet hija tbiegħ bħala charters lill-brokers bħal ma hija r-rikonvenzjonata Astra Associated Services S.r.l. ("Astra").*" (nota a' fol 185 para ta' qabel ta' l-aħħar).

**3.** Permezz ta' din l-azzjoni, din il-Qorti qed tiġi mitluba tiddikjara lis-Soċjetá konvenuta hija debitriċi tas-Soċjetá Attriċi u tikkundannha għall-ħlas tas-segwenti:

1. Is-somma ta' €203,450 rappreżentanti *security deposits* imħallsa mis-soċjetá Attriċi lis-Soċjetá konvenuta "*għal tijiriet illi kellhom isiru iżda ġew ikkanċellati mill-kumpannija intimata jew rappreżentanti*

*tagħha għal raġunijiet indipendenti mill-volontá tal-kumpannija rikorrenti, u li għalhekk għandhom jiġu rifużi lir-rikorrenti.*"

Il-fatti li joħorġu mill-atti rigwardanti dawn is-security deposits huma s-segwenti:

a. Dawn is-security depożits huma mniżżla bil-miktub f' 'Annexes' ta' 'Charter Agreement' li jġib in-numru 00001.01/2019. Kif premess mill-istess Soċjetá Attriċi, dan iċ-'Charter Agreement' "*qatt ma ġie ffirmat u b'hekk m'għandux saħħa ta' liġi bejn il-partijiet*" (ara premessa numru 3).
b. Dan ic-charter agreement ma ġiex preżentat in atti. Li sabet din il-Qorti wara li fliet l-atti kollha huwa addendum ta' dan ic-charter (a' fol 210) li wkoll ma huwiex iffirmat.
c. Ħames 'Annexes', rappreżentanti titjiriet li ġew kanċellati, ġew annessi mar-rikors ġuramentat flimkien mal-fatturi u ħlas relattivi. Dawn huma Annex 1 (Dok B1 a' fol 10), Annex 2 (Dok B2 a' fol 12), Annex 4 (Dok C1 a' fol 15), Annex 5 (Dok C2 a' fol 17) u Annex 7 (Dok D1 a' fol 20).
d. Dawn l-Annexes huma ffirmati mis-Soċjetá Attriċi u s-Soċjetá konvenuta. Filwaqt li s-Soċjetá Attriċi hija hemm dikjarata bħala 'Charterer', ma hemm imniżżla ebda dikjarazzjoni fir-rigward taħt liema kwalitá s-Soċjetá konvenuta ffirmat l-istess.

e. Li l-imsemmija Soċjetá Konvenuta kellha topera hi t-titjira, tirriżulta biss f'Annex 5 fil-parti fejn hemm dikjarat "*Flight operated by AES/LE One*". Dan permezz ta' "*Aircraft Type: Boeing 737-400*" (ara fol 17). Fil-bqija tal-Annexes hemm dikjarat li t-titjira kellha tiġi operata minn "*Buzz Aero – Aoe n. R0-061*" permezz ta' "*Aircraft Type: MD82*" fir-rigward ta' Annex 1, Annex 2 u Annex 7 (ara fol 10, 12 u 20) u permezz ta' "*Aircraft Type: MD82 ALK/L2-ADV (*in acmi for Buzz Aero)*" fir-rigward ta' Annex 4 (a' fol 15).

f. Annex 1 u Annex 2 huma bla data filwaqt li Annex 4 ġġib id-data tat-3 ta' Mejju 2019, Annex 5 tas-17 ta' Mejju 2019 u Annex 7 tat-12 ta' Ġunju 2019.

g. Dawn id-dati kollha jsegwu ftehim datat **10 ta' April 2019** imsejjaħ '*Aircraft Wet Lease Agreement*', magħruf ukoll bħala ACMI (Aircraft Crew, Maintenance and Insurance Agreement) (Dok AS56 a' fol 707; ara affidavit Stefano Costantini a' fol 433 l-aħħar paragrafu).

h. Dan il-ftehim ġie ffirmat minn tlett soċjetajiet: ALK JSC fil-kwalita ta' 'Lessor', Buzz Aero s.r.l. fil-kwalita ta' 'Lessee' u dik konvenuta Aerospace Engineering fil-kwalita ta' 'Pay Master'.

i. Permezz ta' dan il-ftehim is-soċjetá ALK JSC kriet lil Buzz Aero s.r.l. l-ajruplan tat-tip MD82 u obbligat ruħha li tipprovdi wkoll l-ekwipaġġ meħtieġ biex jiġi operat l-istess ajruplan, kif ukoll il-manutenzjoni tal-istess. Dan versu kera ta' €1,700 kull *block hour*

għax-xhur ta' Ġunju, Settembru u Ottubru 2019 u €1,750 għax-xhur ta' Lulju u Awwisu 2019. *Block hour* huwa l-ammont totali ta' ħin li tieħu titjira (ara klawżoli 6 sa 10).

j. Is-Soċjetá Konvenuta qua *paymaster* intrabtet li, f'isem il-*lessee*, jiġifieri Buzz Aero s.r.l., tħallas u tagħmel tajjeb għal-ħlasijiet kollha hemm imsemmija (ara inter alia l-klawżoli 10.1, 10.2, 12 u 14.5).

k. Ġie reġistrat fil-minuti ta' laqgħa li saret bejn is-soċjetajiet ALK, dik Konvenuta (AES), Buzz Aero s.r.l. u dik Attriċi (Astra) fit-2 ta' Lulju 2019, li "*with reference to the ACMI agreement signed between LeOne and ALK, Buzz Air and Astra Charter deemed to be operationally part of the agreement; with Buzz air as the provider of the call sign and Astra Charter as the end user for the flights.*"

l. Dan l-intendiment ġie dikjarat fi ftehim magħmul fl-**4 ta' Lulju 2019** u ffirmat bejn is-Soċjetá Attriċi Astra Associated Service srl u s-Soċjetá konvenuta Aerospace Engineering Service (Dok AS57 a' fol 714).

m. Permezz tiegħu, il-partijiet fil-kawża qablu li jiġi modifikat/mibdul ta' klawżoli fil-ftehim ACMI tal-10 ta' April 2019. B' dawn il-bidliet, is-Soċjetá Attriċi Astra daħlet hi għall-obbligi oriġinarjament assunti mis-soċjetá Konvenuta AES fil-kuntratt ACMI (ara klawżoli 1 sa 4). Għal dan il-għan ġie hemm dikjarat li s-Soċjetá

konvenuta AES kellha tipproponi lis-soċjetá ALK biex taċċetta ħlasijiet pro rata fil-ġimgħa direttament lilha mis-soċjetá Astra.

n. Fl-**10 ta' Lulju 2019** is-soċjetá Buzz Aero s.r.l. ħarġet Avviż ta' kanċellazzjoni tal-ftehim ACMI/Wet Lease (ara Dok ADP 30 a' fol 200). Skont l-istess Avviż, il-kanċellazzjoni kellha tidħol fis-seħħ mill-24 ta' Lulju 2019 "*ONLY IF THE DUE FINANCIAL OBLIGATIONS towards BUZZ AERO ARE SETTLED NO LATER BY TODAY, 10.07.2019 AT 12 UTC. ... If such settlement does not take place by today 10.07.2019 the NOC* [Notice of Cancellation] *is to be enforced with immediate effect.*"

o. Ir-raġunijiet wara din il-kanċellazzjoni ġew mogħtija fl-istess Avviż u jikkonsistu prinċipalment fin-nuqqas tas-soċjetá konvenuta AES li teżegwixxi dawk l-obbligi hemm elenkati.

p. Ġara li b'e-mail datata 13 ta' Lulju 2019, is-soċjetá Buzz Aero s.r.l. bagħtet tinforma lil partijiet kollha interessati, inkluż is-Soċjetá Attriċi u dik konvenuta, li l-Awtoritá tal-Avjazzjoni Rumena (RCAA) issospendiet il-liċenzja tagħha (AOC) b'effett immedjat minħabba li sid ta' ajruplan tagħhom iddereġistra l-istess ajruplan (ara e-mail dok AS 67 fol 760).

q. F'dik l-istess e-mail, Buzz s.r.l ikkonfermat li rċeviet mis-Soċjetá konvenuta numru ta' pagamenti filwaqt li infurmat direttament lis-soċjeta Attriċi Astra s-segwenti:

"*Astra kindly be informed that* <u>*this is a force majeure*</u> *and the contract we have with ALK and AES Leone is cancelled as it is conditioned by RCAA or BgCAA approvals. AOC being suspended this contract as well becomes void. It will be automatically revalidated once the AOC is active.*"

2. Is-somma ta' €542,594.50 tirrapresenta "*spejjeż aġġuntivi inkorsi mill-kumpannija rikorrenti sabiex tagħmel ir-reprotections illi saru neċessarji unikament minħabba illi t-titjiriet miftiehma mal-kumpannija intimata ai termini tal-hekk imsejħa Annexes ġew kanċellanti mill-istess kumpannija intimata jew rappreżentanti tagħha għal raġunijiet indipendenti mill-volontá tal-kumpannija intimata*".

   Dejjem skont kif ġie premess mis-Soċjetá Attrici, hija kellha tidħol f'dawn l-ispejjeż aġġuntivi "*sabiex tottempra ruħħha mal-obbligi tagħha, inklużi dawk l-obbligi emanenti mir-Regolament tal-Unjoni Ewropea numru 261/2004 tal-Parlament u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ lli ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet.*" (ara premessa numru 7 a' fol 2).

   Skont l-istess Soċjetá Attriċi, dawn l-ispejjeż jikkostitwixxu d-diskrepanza bejn il-prezzijiet miftiehma mas-soċjetá konvenuta fl-annexes u l-prezzijiet tac-Charter Operators terzi li hija tgħid li kellha tqabbad ta' malajr (ara premessa 9).

Bħala prova ta' din id-diskrepanza s-Soċjetá Attriċi preżentat tabella formulata minnha, markata bħala Dok E/Dok AAS1 (a' fol 24/240), flimkien ma' dak li hija sejħet "annexes applikabbli" markati Dok F1 sa Dok F9 (a' fol 25 sa 33) u l-prezzijiet tac-Charter Operators terzi li hija qabbdet (ara Dok AAS2 a' fol 241 sa Dok AAS9 a' fol 351).

Dawn l-"annexes applikabbli", jinkludu annexes oħra apparti dawk numru 1 (Dok F7 fol 31), 2 (Dok F6 fol 30), 4 (dok F4 fol 29), 5 (Dok F9 fol fol 33) u 7 (Dok F4 fol 28) ġia minnha preżentati in sostenn tal-ewwel talba tagħha għal rifużjoni ta' *security deposits* mħallsin minnha (ara l-istess annexes 1 Dok B1 a' fol 10, 2 Dok B2 a' fol 12, 4 Dok C1 a' fol 15, 5 Dok C2 a' fol 17 u 7 Dok D1 a' fol 20).

Dawn l-'annexes' ulterjuri jġibu numru 8 (Dok F3 a' fol 27), 9 (Dok F2 a' fol 26), 10 (Dok F1 a' fol 25) u 11 (Dok F8 a' fol 32). L-ebda minn dawn l-'annexes' ulterjuri ma ġew iffirmati mis-soċjetá Konvenuta. Difatti l-ebda ħlas indikat f'dawn l-annexes ma ġie effettwat mill-imsemmija soċjetá Attriċi Astra (ara affidavit Stefano Costantini a' fol 440).

3. Is-somma ta' €218,750 "*rappreżentanti somma ta' flus illi tħallset mill-kumpannija rikorrenti f'isem il-kumpannija intimata lill-kumpannija Bulgara ALK JSC għall-ammonti dovuti mill-kumpannija intimata*".

Ġie premess mis-soċjetá Attriċi li dan l-ammont tħallas minnha tramite żewġ pagamenti annessi bħala Dok G1 (a' fol 34) u Dok G2 (a' fol 35). Dawn il-pagamenti, t-tnejn fl-ammont ta' €109.375, ġew effettwati fil-5 u t-8 ta' Lulju 2019, jiġifieri eżatt wara l-ftehim tal-4 ta' Lulju 2019 li sar bejn is-soċjetá Attriċi u dik Konvenuta (ara fatti ġia fuq senjalati).

4. Is-somma ta' €113,264 "*rappreżentanti somma ta' flus illi tħallset mill-kumpannija rikorrenti f'isem il-kumpannija intimata għal numru ta' fatturi illi kienu dovuti mill-kumpannija intimata lil diversi persun*i".

   Bħala prova ta' dan, is-Soċjetá Attrici preżentat tabella redatta minnha u mmarkata Dok H/Dok AAS10 (a' fol 37/356) flimkien ma numru ta' trasferimenti bankarji markati bħala Dok AAS11 sa Dok AAS 28B (fol 356 sa fol 419).

**Punti ta' Liġi**

**4.** Kif joħroġ mir-rikors promotur, it-talbiet għal ħlas pretiżi mis-soċjetá Attriċi huma bbażati fuq il-kontenzjoni li t-titjiriet "*ġew ikkanċellati mill-kumpannija intimata jew rappreżentanti tagħha għal raġunijiet indipendenti mill-volontá tal-kumpannija rikorrenti*".

**5.** Fin-nota tagħha is-Soċjetá Attriċi taddebita il-ħtija ta' dawn il-kanċellamenti fuq is-Soċjetá konvenuta. Dan mhux għax kisret xi

obbligazzjoni kuntrattwali bilaterali iżda għax ma eżegwietx dak reklamat minnha fil-brochure li hija qassmet lil kull min kien interessat, inkluż lis-Soċjetá Attriċi, waqt fiera f'Rimini fit-tieni nofs tas-sena 2018, u minflok daħlet fil-ftehim ACMI/wet lease fl-10 ta' April 2019 (ara nota a' fol 135 para 2.3.3 sa 141 para 2.14).

**6.** Is-Soċjetá Attriċi tissottometti li minn meta qasmet dan il-brochure sa meta daħlet fil-ftehim ACMI, is-soċjetá konvenuta għamlitilha "*ħafna rassikurazzjonijiet*" u "*wegħdiet*" li hija ma wetqietx billi ma pprovdietx l-ajruplan "*Boeing*" iżda l-ajruplan "*MD82 li suppost kellu jkun biss back up*". Is-Soċjetá Attriċi tibbaża din is-sottomissjoni fuq korrispondenza li saret permezz ta' e-mail mibgħuta fit-2 ta' Mejju 2019 markata Dok ADP17 u Dok ADP 18 a' fol 165 u 169 tal-proċess (ara nota a' fol 142 para 2.15 sa 143 para 2.18).

**7.** Kif aċċennat mis-Soċjetá konvenuta fin-nota tagħha (a' fol 196 para 39), il-bażi reali tal-azzjoni hawn istitwita hija għalhekk imsejsa fuq ksur mis-Soċjetá konvenuta ta' obbligu kontrattwali mnissel mill-patt taċitu *de inuendo contractu* li jirregola l-proċess pre-kontrattwali.

**8.** Ġie stabbilit li dan il-ftehim jinħoloq "*meta partijiet jidħlu fi trattativi <u>bil-ħsieb li jintrabtu b'kuntratt bejniethom</u>, ġà f'dak il-waqt jinħoloq kuntratt: mhux il-kuntratt li bil-ħsieb tiegħu jkunu qegħdin jinnegozjaw iżda ftehim de ineundo contractu li bis-saħħa tiegħu l-partijiet jintrabtu, mhux illi jagħtu l-kunsens għall-kuntratt li dwaru jkunu qegħdin jittrattaw, iżda illi jinnegozjaw*

*in bona fide u illi ma jirtirawx min-negozjati għal raġuni li ma tkunx tiswa fil-liġi jew li tkun in mala fide. Jekk parti tonqos minn dan l-obbligu imnissel mill-kuntratt – jew pre-kuntratt – de ineundo contractu, ikollha tagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet il-parti l-oħra. Il-kejl ta' dawn id-danni ma huwiex il-valur tal-kuntratt li ma seħħx, appuntu għax dak il-kuntratt ma seħħx u ma ħoloq ebda rabta, iżda dak li jissejjaħ l-"interess negativ", i.e. id-danni li l-parti l-oħra ma kinitx iġġarrab li kieku ma daħlitx fin-negozjati: l-ispejjeż li tkun daħlet fihom biex tagħmel jew tqis l-offerta u, possibilment, l-opportunitajiet mitlufa. Dan l-interess negativ ġie mfisser tajjeb ħafna fis-sentenza fuq imsemmija ta'* ***Pullen v. Matysik****:*

*»the damages to which plaintiffs are entitled are, however, to be restricted to the actual losses they incurred up to the time that the negotiations broke down whether they consist in actual expenses incurred or depreciation of material or otherwise but are not to include any profits which they would have derived from the concession of the boutique as in that way they would be benefitting from an obligation which never came into existence.«"* (**Avukat Peter Fenech noe v. Dipartiment tal-Kuntratti, Qorti tal-Appell, 29 ta' April 2016**).

**9.** L-istitut tar-responsabilità pre-kuntrattwali, jew culpa in contrahendo, ma ġiex introdott fil-Kodiċi Ċivili tagħna bħal ma sar f'pajjiżi oħra bħal l-Italja u l-Ġermanja. Sa qabel is-**Sentenza fl-ismijiet Elia Grixti -vs- Mark Grech noe et mogħtija mil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' April 1998**,

il-Qrati Maltin ma kienux predisposti li jaċċettaw dan il-prinċipju. Wara din is-sentenza, il-prinċipji hemm elenkati bdew jittieħdu bħala bażi u, wara eżami tan-natura u l-iskop tal-istitut kif espressi fid-duttrina u l-ġurisprudenza kontinentali, il-Qrati Maltin aċċettaw din il-materja bħala applikabbli fl-Ordinament Ġuridiku Malti (ara s-sentenza appena ċitata **Av. Peter Fenech noe vs Dipartiment tal-Kuntratti**).

**10.** Hekk għamlet ukoll il-**Qorti tal-Appell fil-kawża Attard Services Limited vs Shell & MOH Aviation Fuels A.E.**, **datata 1 ta' Diċembru 2021** fejn, wara eżami dettaljat tan-natura ta' dan l-istitut skont kif applikat fil-ġurisprudenza/duttrina Taljana u Franċiża kif ukoll eżami komparattiv ta' prinċipji oħra li ġew aċċettati fil-liġi Maltija minn qabel ma dawn ġew kodifikati. Il-Qorti tħoss li għandha tirriproduċi parti minn din is-Sentenza in *extenso* li minġabba l-esposizzjoni ċara magħmula:

"*45. L-accettazjoni ta' dan il-principju m'ghandhiex issib ostakolu mill-fatt li fil-ligi Maltija m'ghandniex artikolu bhall-Artikolu 1337 tal-Kodici Civili Taljan. L-ewwelnett, dan in-nuqqas ma zammx lill-Qrati Francizi u dawk Taljani tal-epoka li, b'mod car u inekwivoku, jaccettaw dan il-principju. Fit-tieni lok, nuqqasijiet simili qatt ma zammew lil dawn il-Qrati li jintroducu principji u azzjonijiet li ma jiffurmawx parti mill-Kodici Civili taghna, meta jhossu li tali principju huwa gust u ta' gieh ghal Ordinament Guridiku; l-aktar ezempju car, hija l-actio de in rem verso, azzjoni bbazata fuq l-arrikiment ingust, li llum tifforma parti mill-gurisprudenza kostanti lokali, u zgur hadd*

*ma jazzarda jghid li din l-azzjoni ma tifformax parti mill-Ordinament Malti, ghalkemm ghal zmien twil ma kienet tissemma' imkien fil-Kodici Malti. Din l-azzjoni hija wkoll ibbazata fuq il-gustizzja u llum ilgurnata nghatat gharfien fl-Artikoli 1028A u 1028B tal-Kodici Civili: ara d-decizjoni ta' din il-Qorti fil-kawza "**Said v. Testaferrata Bonici**" (1936) riportata fil-Kollez. Vol. XXIX.11.1105.*

*46. Fit-tielet lok, dan il-principju jista' jsib l-applikazzjoni tieghu filkuncett ta' delitt u kwazi-delitt, u anke llum, fl-Italja, jinghad li l-Artikolu 1337 huwa esposizzjoni specifika tal-principju generali ta' neminem laedere sancit anke fil-Kodici Civili Malti. Hekk il-gurista R. Sacco ("Il Contratto" Utet 1975 Ed. p. 676) jghid: "Se l'art 1337 non esistesse, la slealta` meriterebbe di essere ripressa ex art. 2043? E consegwuentemente l'art.1337 interpreta l'art 2043, per far comprendere che il danno arrecato con la slealta` precontrattuale e` 'ingiusto'? A nostro giudizio la risposta da dare a questi due quesiti e` posittiva".*

*47. Il-gurisprudenza Taljana hi wkoll konformi mat-teorija li "La responsabilita` precontrattuale in tutte le ipotesi riconlucibili alla previsione dell'art. 1337 c.c., va qualificata come responsabilita` per fatto illecito, in quanto non si correla alla violazione di obblighi negoziali" (Cass. 12 ta' Awwissu, 1947; Cass. 6 ta' Marzu, 1976; Cass. 6 ta' Marzu 1992; Cass. 12 ta' Marzu, 1993). Il-Corte di Cassazione fl-Italja f'sentenza moghtija fit-30 ta' Awwissu, 1995, osservat ukoll:*

*“La responsabilita` precontrattuale, configurabile per la violazione del precetto posto dall’art. 1337 c.c. – a norma del quale le parti, nello svolgimento delle trattative contrattuali, debbono comportarsi seconda buona fide – costituisce una forma di responsabilita` extracontrattuale, che si riconnette alla violazione della regola di condotta stabilita a tutela del corretto svolgimento dell’iter di formazione del contratto, cosicche` la sua sussitenza, la risarcibilita` del danno e la valutazione di quest’ultimo devono essere vegliati alla stregua degli art. 2043 e 2056, tenendo peraltro conto delle caratteristiche tipiche dell’illecito in questione.”*

*Tajjeb li jinghad li l-qrati Taljani, dan l-ahhar, qed ixaqilbu lejn l-aspett kontrattwali ta’ din l-azzjoni.*

*48. Biex ikun hemm responsabilita` ghad-danni wara ksur mhux gustifikat tat-trattattivi, irid ikun hemm, skont id-duttrina Taljana, tliet elementi: “affidamento di una delle parti sulla conclusione del contratto, recesso senza giusta causa dell’altro contraente, danno”. (Cass. 12 ta’ Gunju, 1959).*

*49. Ghar-rigward tal-ewwel element, il-gurista Fortinguerra (op. cit. p. 116) jispjega:*

*“Occorre precisare che se da un lato e` vero che ogni trattativa genera la aspettativa, o meglio la speranza di un futuro contratto, dall’altro, e` pur anche vero che, in tale ipotesi non e` ancora corretto parlare di affidamento*

*vero e proprio, atteso che, laddove cosi` non fosse, sarebbe necessario sostenere l'improbabile esistenza di un dovere di non recedere mai senza giusta causa, ogni qualvolta si dia inizio alle trattative.*

*Pertanto, allorquando si richiede l'esistenza di un affidamento meritevole di tutela, ci si riferisce non tanto alla vaga speranza che si pervenga alla conclusione di un affare ovvero alla certezza di raggiungere un determinato risultato, atteso che nelle trattative e` inevitabile che sussista la prima cosi come non sussista la seconda, quando piu` propriamente ad uno stadio delle trattative tale per cui appare praticamente raggiunto l'accordo, salva la manifestazione formale del consenso e sempre che non sopravvengono elementi nuovi precedentemente non valutati che rendono giustificato il recesso".*

*50. Il-gurisprudenza Taljana hadet posizzjoni rigida fir-rigward u biex jista' jinghad li nholoq l-affidament versu l-konkluzjoni tal-kuntratt, jehtieg li jkun hemm kwazi qbil fuq l-elementi kollha tal-kuntratt maghdud ma' cirkostanzi ohra li jaghtu 'l dak li jkun x'jifhem li l-kuntratt se jigi konkluz.*

*51. Din il-posizzjoni tidher illustrata minn decizjoni tat-Tribunale di Napoli tat-23 ta' Dicembru, 1971, fejn jinghad:*

*"In tema di compravendita immobiliare, in mancanza di un'immissione nel possesso del futuro compratore o della corresponsione di una caparra (od anticipo del prezzo), o della predisposizione dei documenti necessari*

*all'alienazione e della redazione (sia pure in minuta) dell'atto di trasferimento, le trattative consistenti nella sola predeterminazione del prezzo e dell'oggetto dell'eventuale compravendita non fanno sorgere quell'affidamento nella conclusion del contratto che e` presupposto primario della culpa in contrahendo".*

*52. Fi kliem iehor, irid jirrizulta mhux biss l-istat avvanzat tat-trattattivi, izda cirkostanzi ohra, (bhal, frekwenza tal-kuntatti, manifestazzjoni ma' terzi tal-posizzjoni raggunta, applikazzjonijiet ma' awtoritajiet amministrattivi, preparazzjoni awtorizzata ta' dokumenti jew twettiq ta' xoghol), li jindikaw l-gheluq tan-negozjati hlief ghal manifestazzjoni puntwalizzata tal-kunsens.*

*53. Fil-fatt, il-gurista Fortinguerra (op. cit. p. 117), wara ezami talgurisprudenza Taljana in materja, jikkonkludi li biex ikun hemm dan laffidament, hu mehtieg li:*

*"Le trattative hanno raggiunto una ulteriore fase, totalmente vicina alla conclusion dell'accordo da ritenere conforme a buona fede far ricadere sul soggetto recedente le spese sostenute ed il danno subito dall'altra".*

*54. <u>It-tieni element jirrikjedi agir li jmur kontra l-bona fide u li jwassal ghal ksur ingustifikat tat-trattattivi</u>. Id-duttrina u l-gurisprudenza Taljana huma uniformi li l-kejl biex jigi determinat jekk kienx hemm jew le agir skont ma titlob il-bona fide huwa wiehed oggettiv, u l-Qorti trid tara jekk il-*

*komportament ta' dak il-kontraent segwiex jew le dak li kien mistenni minnu skont ic-cirkostanzi. Kif jghid il-Fortinguerra (op. cit. p. 90):*

*"La buona fede di cui e` parola nell' art 1337 c.c. e` quella cosidetta oggettiva, vale a dire quella che …… non corrisponde ad uno stato soggettivo interno del soggetto, bensi`, si identifica per taluni in una regola di condotta, per altri in un criterio di valutazione a posteriori di una determinato comportamento".*

*55. Agir kontra l-bona fide mhux mehtieg li jkun rizultat ta' dolo, u lcolpa tal-kontraent (meta jirrizulta li jkun hemm ksur tad-dover talkorrettezza) ghandha twassal ghar-responsabilita` ghad-danni. Kwindi, mhux mehtieg li l-kontraent jagixxi b'intenzjoni li jqarraq jew kwazi b'hazen, izda kull meta jirrizulta agir doluz jew kolpuz li jwassal ghat temm mhux gustifikat tat-trattattivi li jkunu fi stadju avvanzat, ilkonsegwenza ghandha tkun responsabilita` ghad-danni li jirrizultaw.*

*Dwar meta l-irtirar mit-trattattivi ghandu jitqies mhux gustifikat, ma jistax jigi stabbilit minn qabel, imma l-konkluzjoni tkun tista' tigi raggunta biss wara analizi tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz u wara applikazzjoni ta' dawk il-kriterji li l-kontraent kien oggettivament mistenni minnu li jadotta f'dawk ic-cirkostanzi.*

*56. It-tielet element huwa d-dannu, li ghandu jkun pruvat li segwa b'konsegwenza diretta ta' dak il-ksur ingustifikat tat-trattattivi. Fejn tali*

*azzjoni hi bbazata fuq delitt u kwazi delitt, irid jigi ppruvat in-ness ta' kawzalita` bejn il-ksur tat-trattattivi u danni, u din il-prova tikkombi lill-attur li jallega d-danni. Kif qalet il-Corte di Cassazione f'decizjoni moghtija fl-1 ta' Frar, 1995:*

*"La responsabilita` precontrattuale, che, tra l'altro, ricorre quando l'interruzione delle trattative sia priva di ogni ragionevole giustificazione cosi da sacrificare arbitrariamente il logico affidamento della controparte sulla conclusione del contratto, essendo riconducibile alla piu` ampia categoria della responsabilita` extracontrattuale, presuppone anche la prova, a carico di colui che agisce per il risarcimento del danno, della malafede del recedente."*

*57. Dan il-principju japplika anke ghas-sistema maltija fejn irresponsabilita` aquiliana hija bazata fuq il-prova tal-kolpa jew id-dolo, liema prova trid issir minn dak li qed jallega li kien il-vittma ta' agir skorrett.*

*58. Ghar-rigward tad-danni l-istess Corte di Cassazione, f'sentenza moghtija fl-4 ta' April, 1960, u kemm-il darba segwita, osservat:*

*"L'obbligo del risarcimento derivante dall'ingustificata rottura delle trattative va contenuto nei limiti del c.d. interesso negativo …., e va perpetuato limitatamente alle spese che la controparte ha sostenuto in previsione delle conclusione del contratto e alle perdite sofferte per altre occasioni che*

*siano venute meno o rifiutate, sempre che, naturalmente le une u le altre siano dipendenti dalle trattative non riuscite."*

*59. Dawn iz-zewg kapi ta' danni huma mqabbla mad-damnum emergens u mal-lucrum cessans li solitu jigu kompensati meta tirrizulta responsabilita` taht delitt jew kwazi-delitt. Fil-fatt, mal-ewwel kap jidhlu lispejjez kollha inkorsi filwaqt li mat-tieni kap jidhol it-telf li jkun rizultat talokkazjonijiet mitlufa. Dawn id-danni huma konformi ma' dak li tipprovdi lligi taghna fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Il-prova tal-lucrum cessans, mhux dejjem tkun wahda facli li tigi sodisfatta, ghax irid jigi muri li verament kien hemm opportunitajiet alternattivi u tajbin, liema opportunitajiet ma gewx sfruttati minhabba l-kwazi certezza ta' konkluzjoni ta' kuntratt ma' dik il-parti li, minghajr gustifikazzjoni, kisret ittrattattivi li kienu waslu fi stadju avvanzat. Kif jispjega l-gurista Fortinguerra (op. cit. p. 305): "Ed e` proprio la dimostrazione dell'esistenza di un negozio di rimpiazzo, alternativo a quello sul quale sono state impiegate risorse in trattative rivelatesi inutili, che costituisce l'elemento ineliminabile per ottenere la risarcibilita` stessa del lucro cessante, che, pertanto, non sara` neppure prospettabile nell'ipotesi in cui la trattativa abbia ad oggetto un prestazione assolutamente infungibile."*

*60. Il-prova ma tridx tkun wahda bbazata fuq ipotesi jew fuq kongetturi, izda jrid jigi muri pozittivament li kienu jezistu opportunitajiet ohra li ma gewx mehuda in konsiderazzjoni jew gew abbandunati precizament minhabba n-*

*negozjati li kienu ghaddejjin u li mbaghad twaqqfu minghajr gusta kawza. Il-prova trid issir minn dak li jallega li gie pregudikat u jrid jaghti indikazzjoni cara tat-telf finanzjarju li garrab.*

***61. Fil-qosor, allura, ikun hemm raguni biex tigi akkolta rresponsabilita` ghad-danni wara ksur tat-trattattivi, f'kull kaz meta ttrattattivi jkunu waslu f'dak l-istat avvanzat fejn il-partijiet ikunu mhux biss waslu f'akkordju fuq l-elementi essenzjali tan-negozju, izda c-cirkostanzi jkunu jindikaw rieda li l-partijiet jikkonkludu formalment il-kuntratt; raggunt dak l-istat, il-kontraent li, b'hazen jew traskuragni, jittermina n-negozjati minghajr raguni gusta, valutata oggettivament, ikollu mhux biss jirrifondi dawk l-ispejjez legittimament minfuqa mill-parti l-ohra, izda jrid jaghmel tajjeb ghal dawk id-danni li huma konsegwenza diretta u immedjata tal-ksur tat-trattattivi, cioe`, il-qligh li kienet taghmel dik il-parti l-ohra li kieku impenjat ruhha fi trattattivi alternattivi; il-prova tal-malafede u tad-dannu, trid issir mill-attur li qed jallegaha.***

*62. Din, fil-fehma ta' din il-Qorti, tista' tkun il-posizzjoni applikabbli fl-Ordinament Guridiku Malti u ghandha tkun accettata mill-Qrati Maltin, mhux biss bhala applikazzjoni specifika tad-duttrina ta' neminem laedere, izda b'harsien ukoll ghal principju ta' solidarjeta` u bona fide li ghandu, fin-nuqqas ta' ostakolu legislattiv, japplika fir-relazzjonijiet kollha ta' bejn dawk li huma soggetti ghal dak l-Ordinament.*"

**Konsiderazzjonijiet**

**11.** Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji appena esposti l-Qorti sejra għaldaqstant u qabel kull konsiderazzjoni oħra tqis jekk ġewx sodisfatti t-tlett elementi biex tigi akkolta r-responsabilita` għad-danni wara ksur ta' ftehim de innuendo contractu, jiġifieri ksur tat-trattattivi li saru mill-partijiet bil-ħsieb li jintrabtu b'kuntratt bejniethom.

**12.** L-ewwel element li jrid jiġi sodisfatt huwa li t-trattattivi in kwistjoni jridu jkunu laħqu stat avvanzat fejn il-partijiet ikunu mhux biss waslu f'akkordju fuq l-elementi essenzjali tan-negozju, iżda ċ-ċirkostanzi jkunu jindikaw rieda li l-partijiet jikkonkludu formalment il-kuntratt.

**13.** F'dan il-każ it-trattativi, jekk kien hemm, ġew konklużi b'abbozz ta' kuntratt, li huwa ċ-'Charter Agreement' bin-numru 00001.01/2019. Madanakollu ma ntwera li kien hemm ebda rieda/ħsieb li l-partijiet jikkonkluduh formalment, tant li baqa qatt ma ġie ffirmat.

**14.** Minkejja li ma ġiex iffirmat, is-soċjetá Attriċi għaddiet xorta waħda biex tħallas u/jew tiffirma s-security deposits imniżżla fl-Annexes. Dan is-soċjetá Attriċi għamlitu minkejja wkoll li:

1. kienet infurmata mis-soċjetá Konvenuta stess, u għalhekk ben konsapevoli, li l-proċess sabiex is-soċjetá Konvenuta tikseb il-liċenzja neċessarja (Air Operator Certificate (AOC)) u b'hekk tkun

tista topera ajruplan, inkluż allura dak skontha imwiegħed lilha mill-istess soċjetá Konvenuta, kien għadu ma ġie konkluż (ara e-mail Dok ADP4 a' fol 127, ara elenku prodott mis-soċjetá Attriċi ta' trasportaturi tal-ajru b'liċenzja valida f'liema elenku s-soċjetá Konvenuta hija eskluża);

2. kienet taf li allura kull ma setgħet tagħmel is-soċjetá Konvenuta, fin-nuqqas ta' tali liċenzja, huwa biss li tikri l-ajruplani minn operaturi li għandhom tali liċenzja. Dan tant kienet tafu li l-istess soċjetá Attriċi, kif rapprezentata minn Antonio De Ponti, stqarret bil-ħtieġa li jidħlu fil-ftehim ta' kera u saħansitra dderiġiet lir-rappreżentanti tas-soċjeta' konvenuta biex jagħmlu kuntatt ma ċertu Filipe billi qaltilhom "*Seguite ed ascoltate FILIPE, che e' esperto e ne sa molto più di voi su questa materia di leasing/AOC*", (ara Dok AS35 a' fol 628 sa 631). Is-Soċjetá Attriċi addirittura ħadet il-briga hi stess, għan-nom tas-soċjetá Konvenuta, sabiex tagħmel rikjesti għal kiri ta' ajruplan ta' tip A320 mis-soċjetá Konvenuta, liema ajruplan anqas kien dak Boeing skontha imwiegħed mis-soċjetá Konvenuta (ara e-mail Dok ADP12 prodotta mis-soċjetá Attriċi stess a' fol 153).

3. Kienet ben konsapevoli bil-ftehim ACMi (ta' kirja) tal-ajruplan MD82 flok il-Boeing skontha imwiegħed mis-soċjetá Konvenuta. Difatti jirriżulta mill-istess security deposits iffirmati miż-żewġ partijiet, għajr annex 5, li t-titjira kellha tiġi operata minn "*Buzz Aero – Aoe n. R0-061*" permezz ta' "*Aircraft Type: MD82*" fir-rigward ta' Annex 1,

Annex 2 u Annex 7 (ara fol 10, 12 u 20) u permezz ta' "*Aircraft Type: MD82 ALK/L2-ADV (****in acmi for Buzz Aero****)*" fir-rigward ta' Annex 4 (a' fol 15) u mhux mis-soċjetá Konvenuta.

**15.** Minkejja dan kollu, fl-4 ta' Lulju 2019 is-Soċjetá Attriċi għoġobha wkoll tidħol fi ftehim mas-soċjetá Konvenuta biex tibdel il-klawżoli tal-ftehim ACMI tal-10 ta' April 2019 u tidħol hi għall-obbligi oriġinarjament assunti mis-Soċjetá Konvenuta AES fl-istess kuntratt ACMI (ara Dok AS57 a' fol 714).

**16.** Fl-isfond ta' dawn il-fatti inkontestati, ma jista' qatt minn ewl id-dinja jingħad li r-riklam fil-brochure mqassam lil kull min kien preżenti f'fiera jikkostitwixxi wegħda *de inuendo contractu* magħmula mis-Soċjetá konvenuta lis-soċjetá Attriċi, bil-mod kif stabbilit fil-kunsiderazzjoni legali supra.

**17.** Tali wegħda lanqas ma tiffigura fl-emails datati 2 ta' Mejju 2019 markati Dok ADP17 u Dok ADP 18 a' fol 165 u 169 tal-proċess, ċitati mis-Soċjetá Attriċi. F'dawn l-emails is-Soċjetá Attriċi u dik Konvenuta mhux qed jidħlu fit-trattativi bil-ħsieb li jintrabtu b'kuntratt fis-sens legali hawn fuq kunsidrat, jiġifieri '*li jinnegozjaw in bona fide u illi ma jirtirawx min-negozjati għal raġuni li ma tkunx tiswa fil-liġi jew li tkun in mala fide*'. Dawn l-emails juru biss it-tentattiv da parti tas-Soċjetá konvenuta li tipprovdi servizz lis-Soċjetá Attriċi billi, fin-nuqqas ta' liċenzja AOC, tidħol fi ftehim ta' kiri ta' ajurplani ma operaturi li għandhom din il-liċenzja AOC.

**18.** In-negozju/trattativi mis-Soċjetá konvenuta ma sarx għalhekk mas-Soċjetá Attriċi iżda ma soċjetajiet terzi operaturi tal-ajruplani, jiġifieri Soċjetajiet li għandhom l-liċenzja AOC, bħal ma kien il-ftehim ACMI/wet lease tal-10 ta' April 2019. Dan il-ftehim tħassar mhux b'mala fede tas-Soċjetá konvenuta iżda mill-operatur innifsu ħabba, kif iddikjara hu stess, "force majeur" kawża ta' sospenjoni ta' liċenzja (ara e-mail dok AS 67 fol 760; ara fatti esposti supra).

**19.** It-trattativi mis-Soċjetá konvenuta mas-Soċjetá Attriċi huma dawk li kellhom isiru bl-iskop li jiġi konkluż ic-charter agreement numru 00001.01/2019. Dan l-iskop iżda ma ntweriex, tant li c-charter agreement baqa' qatt ma ġie ffirmat, kif lanqas ma ġie ffirmat l-addendum għall-istess charter (ara abbozz a' fol 210).

**20.** Minn eżami ta' dawn il-fatti inkontestati kif joħorġu mill-atti, xejn ma jirriżulta li b'xi mod ġie sodisfatt l-ewwel element għas-sejbien ta' responsabbilitá tas-soċjetá Konvenuta għal danni pre-kontrattwali. Fin-nuqqas ta' tali responsabbilitá, it-tielet u r-raba' talba għal ħlas ta' 'spejjeż aġġuntivi' inkorsi mis-Soċjetá Attriċi sabiex tagħmel ir-reprotections ma tistax tintlaqa'. Kif appena kunsidrat, l-atti ma jurux li dawn ir-reprotections saru neċessarji minħabba l-kanċellazzjoni ta' titjiriet pattwati taċitament mis-soċjetá Konvenuta. Għaldaqstant dan il-ħlas ma jistax jiġi mputat lis-Soċjetá Konvenuta.

**21.** Madanakollu u fir-rigward tal-ewwel u t-tieni talba, ħlasijiet ta' depożiti li, skont is-soċjetá Attriċi, saru minnha akkont tal-prezz ta' titjiriet li ġew kanċellati, jiġifieri dawk imniżżla bil-miktub f' Annex 1 (Dok B1 a' fol 10), Annex 2 (Dok B2 a' fol 12), Annex 4 (Dok C1 a' fol 15), Annex 5 (Dok C2 a' fol 17) u Annex 7 (Dok D1 a' fol 20), għandhom jiġu rifużi lura. Dan għaliex, fin-nuqqas ta' ftehim mod ieħor, is-Soċjetá konvenuta ma tistax titqies li hija intitolata għalihom.

**22.** Fl-affidavit tiegħu (a' fol 439), Stefano Costantini, rappreżentant tas-soċjetá Konvenuta, jikkontesta it-talba għal dan il-ħlas kif ġej:

"*Annex 1 è regolarmente firmato e i voli fino al 12 Lugio 2019 sono stati infatti regolarmenti eseguiti; tutti gli altri voli non sono stati pagati da ASTRA e quindi non erano dovuti.*"

"*Annex 2 è regolarmente firmato, ma i voli non sono mai stati pagati da ASTRA quindi anche in questo caso non erano dovuti.*"

"*Annex 4 è regolarmente firmato e i voli fino al 10 Luglio 2019 sono stati regolarmente eseguiti. Per il-volo del 17 Luglio 2019 regolarmente pagato da ASTRA e relativo alla fattura (ref. Allegato AS15) è stata emessa regolare nota di credito nc. 2 (quindi non dovuto); infatti nello schema AS47 terzultima riga viene regolarmente detratto. Tutti gli altri voli NON sono stati pagati da ASTRA e quindi non dovuti.*"

"*<u>Annex 5</u> è regolarmente firmato: i voli erano programmati per Dicembre 2019, ma tutti tali voli non sono mai stati pagati da ASTRA e quindi non erano dovuti. ... In ogni caso L'annesso 5 era per due tratte a dicembre e Astra aveva dato un deposito di 8.400 euro pari al 15% delle due tratte. L'importo di 8.400 euro è stato conteggiato nel foglio excel di ricostruzione credito e restituito insieme a tutti gli altri depositi versati AS47.*"

"*<u>Annex 7</u> è regolarmente firmato e i voli fino al 12 Luglio 2019 sono stati regolarmente eseguiti; tutti gli altri voli non sono stati pagati da ASTRA e quindi non erano dovuti.*"

**23.** Bħala prova ta' ħlas ta' dawn id-depożiti, is-Soċjetá Attriċi preżentat tlett irċevuti (a' fol 14, 19 u 23). L-irċevuti a' fol 14 u 19 ma jagħtu l-ebda indikazzjoni li l-ħlasijiet hemm effettwati jirreferu għall-ħlas tal-annex relattiv. L-irċevuta a' fol 23 biss tindika li d-depożitu hemm imħallas jirreferi għall-Annex 7. L-ebda minn dawn l-irċevuti però ma jindikaw liema titjiriet kienu qed ikopru dawn id-depożiti. Fin-nuqqas ta' prova ċara ta' ħlasijiet f'dan ir-rigward, il-Qorti sejra toqogħod fuq dak sottomess minn Stefano Costantini fl-affidavit tiegħu f'dan ir-rigward kif hawn ċitat, liema sottomissjoni ma ġietx kontradetta fl-affidavit ulterjuri ta' Antonio De Ponti (a' fol 772).

**24.** Dan ifisser li, huwa biss il-ħlas effettwat fir-rigward tad-depożitu mniżżel f'annex 4 u biss limitatment għat-titjira tas-17 ta' Lulju 2019 li

għandu jiġi hekk rifuż. Dan iġib l-ammont ta' €46,960.80 (ara credit note 2 a' fol 673).

**25.** Is-Soċjetá Konvenuta madanakollu teċċepixxi li dan il-ħlas għandu jiġi paċut ma ħlasijiet ikbar dovuti lilha mis-soċjetá Attriċi, liema ħlasijiet jifformaw il-mertu tat-talba rikonvenzjonali (ara eċċezzjoni numru 1.i a' fol 43). Il-Qorti sejra titratta din il-kwistjoni iktar l-isfel f'din is-sentenza, meta tiġi biex tikkonsidra t-talba rikonvenzjonali.

**26.** Permezz tal-ħames u s-sitt talba, is-Soċjetá Attriċi qed titlob ukoll il-ħlas li hija għaddiet lill-kumpannija ALK JSC "*f'isem il-kumpannija intimata*". Kif jirriżulta minn dok G1 u G2 (a' fol 34 u 35) dan il-ħlas sar fil-5 ta' Lulju 2019 u fit-8 ta' Lulju 2019 rispettivament, jiġifieri wara li ġie ffirmat il-ftehim tal-4 ta' Lulju 2019 bejn is-Soċjetá Attriċi u dik konvenuta fejn ftiehmu li s-soċjetá Attriċi Astra tidħol hi għall-obbligi oriġinarjament assunti mis-soċjetá Konvenuta AES fil-kuntratt ACMI tal-10 ta' April 2019.

**27.** Dan ifisser li s-somma mitluba fil-ħames u s-sitt talba tirrapreżenta ħlas li sar lis-soċjetá ALK JSC mis-Soċjetá Attriċi mhux f'isem is-Soċjetá konvenuta iżda "*in ottemperanza mal-obbligi minnha assunti fil-ftehim*" tal-4 ta' Lulju 2019, kif sewwa eċċepit mis-Soċjetá konvenuta (ara eċċezzjoni 1.ii a' fol 43). Il-Qorti sejra għaldaqstant tilqa' din l-eċċezzjoni limitatament fil-konfront tal-ħames u s-sitt talba tas-Soċjetá Attriċi u konsegwentement tiċħad l-istess ħames u s-sitt talba tas-soċjetá Attriċi.

**28.** Permezz ta' l-aħħar żewġ talbiet (is-seba' u t-tmien talba), is-soċjetá Attriċi qed titlob mis-soċjetá Konvenuta il-ħlas ta' €113,264 rappreżentanti somma ta' flus li s-soċjetá Attriċi ħallset f'isem dik Konvenuta "*għal numru ta' fatturi illi kienu dovuti mill-kumpannija intimata lil diversi persuni*".

**29.** Din it-talba ġiet pruvata bil-produzzjoni ta' tabella redatta mmarkata Dok H/Dok AAS10 (a' fol 37/356) flimkien ma numru ta' trasferimenti bankarji markati bħala Dok AAS11 sa Dok AAS 28B (fol 356 sa fol 419).

**30.** Fl-affidavit tiegħu a' fol 441 Stefano Costantini jirrikonoxxi l-ħlasijiet imsemmija f'Dok AAS11 sa Dok AAS26. Fir-rigward ta' Dok AAS 27 u Dok AAS 28, Stefano Costantini jgħid li dawn "*non risultano per servizi per nome e per conto di AES ma "aviation consulting fee ad Air Artistiq con la quale non c'era nessun accordo.*" Fid-dawl ta' din is-sottomissjoni u fin-nuqqas ta' indikazzjoni espressa li dawn l-aħħar żewġ ħlasijiet (Dok AAS 27 a' fol 414 u Dok AAS28 a' fol 418) saru f'isem is-soċjetá konvenuta, l-Qorti ma hiex sejra tikkonsidrhom bħala ħlasijiet dovuti lis-soċjetá Attriċi.

**31.** Fir-rigward tas-somom imsemmija f'Dok AAS11 sa Dok AAS26, li globalment jammontaw għal <u>€90,264.88</u> (€1,657 + €4,180 + €676 + €3,803.98 + €2,442 + €35,685.77 + €3,332 + €1392.69 + €1,000.58 + €7,026 + €14,942.36 + €1,149.20 + €1,495 €3,803.98 + €455 + €7,223.32), is-Soċjetá konvenuta teċċepixxi bl-istess mod li dan il-ħlas għandu jiġi paċut ma ħlasijiet ikbar dovuti lilha mis-Soċjetá Attriċi, liema ħlasijiet jifformaw il-bażi tat-talba rikonvenzjonali (ara eċċezzjoni numru 1.i a' fol

43). Hija fil-fatt tissottometti li "*questa somma è stata ġia riconosciuta e detratta ad ASTRA nei conteggi come si evidenzia nell' allegato AS 47 piu volte citato.*" (fol 441)

**32.** Sabiex tkun f'qagħda li tiddetermina din l-eċċezzjoni, il-Qorti sejra għalhekk l-ewwel tiddetermina l-azzjoni tal-kontro-talba.

**33.** Is-soċjetá Konvenuta rikonvenjenti qed tippremetti li "*f'Marzu tas-sena 2019, Astra ingaġġat lil AES biex tipprovdilha titjiriet fl-ammont ta' disa mitt siegħa (900 block hours), liema siegħat kellhom jiġu utilizzati minn Astra f'chasrtered flights bejn ix-xhur ta' Ġunju u Ottubru 2019. Astra kellha tinfomra lil AES bil-quddiem sabiex isiru l-arranġamenti meħtieġa għat-titjiriet. Astra kellha tħalla lil AES bil-depositu għat-titjiriet ipprenotati fi żmien sebat (7) ijiem mill-prenotazzjoni u sussegwentement jitħalas il-bilanċ tal-ħlas għal dawn it-titjiriet sa mhux aktar atard min sebat ijiet tax-xogħol qabel id-dati tat-titjiriet*" (ara premessa 3 a' fol 50)

**34.** Is-Soċjetá konvenuta rikonvenjenti tkompli tippremetti li hija daħlet fl-imsemmi ftehim ACMI tal-10 ta' April 2019 kif ukoll fi ftehim ieħor mas-soċjetá BUZZ Aero S.r.l. sabiex ittajjar ajruplan bil-liċenzja tal-istess soċjetá Buzz u b'hekk tkun tista' tipprovdi dawn is-servizzi li Astra ingaġġata tagħmel (ara premessa 4).

**35.** Is-Soċjetá Konvenuta rikonvenjenti tghid ukoll li wara li hija kkommettiet ruħha f'dawn il-ftehimiet imsemmija, "*irriżulta illi Astra ma*

*kellha l-ebda intenzjoni u/jew kapaċitá illi tagħmel użu minn dawn id-disa mitt block hours illi kienet intrabtet ma AES bihom, u meta ppressata mill-esponenti, Astra kkonfermat ma AES illi kienet ser tagħmel prenotazzjonijiet ta' titjiriet fl-ammont ta' tlett mitt (300) block hours biss*" (ara premessa numru 5).

**36.** Dejjem skont kif premess mill-istess Soċjetá konvenuta rikonvenjenti, kien "*għaliex irrikonoxxiet din l-inadempjenza tagħha*" li s-soċjetá Attriċi rikonvenuta sussegwentement daħlet fil-ftehim imsemmi tal-4 ta' Lulju 2019 permezz ta' liema daħlet hi għall-obbligi oriġinarjament assunti minn AES fil-kuntratt ACMI (ara premessa 6).

**37.** Skont is-Soċjetá konvenuta rikonvenjenti, is-Soċjetá Attriċi rikonvenuta "*bdiet tonqos milli tħallas id-depositi minnha dovuti għat-titjiriet ipprenotati skont kif mifthiem*" u naqset milli tħallas lil AES "*l-ammont minnha dovut għat-titjiriet effetwati minnha għal Astra*" liema ammont jirrisali ga' €70,753.01 (ara premssi 7 u 8).

**38.** Is-Soċjetá konvenuta rikonvenjenti tippremetti ulterjorment li s-Soċjetá Attriċi rikonvenuta nqdiet bil-fatt li s-Soċjetá tilfet l-liċenzja AOC "*bħala skuża*" biex, "*mingħajr ma tgħat l-opportunitá lil AES tagħmel l-arranġamenti tagħha, ddeċidiet immedjatament illi tittermina r-relazzjoni tagħha ma' AES u għażlet illi tingaġġa operatur ieħor.*" (ara premessa 9).

**39.** Fi kliem is-soċjetá konvenuta rikonvenjenti, "*b'konsegwenza ta' din l-inadempjenza u t-terminazzjoni abbużiva min-naħa ta' Astra, AES sofriet danni inġenti*" konsistenti f' "*telf ta' qliegħ prospettat*" u "*spejjeż sostanzjali*" li "*jinkludu inter alia ħlasijiet dovuti lis-soċjetajiet ALK u Buzz in konnessjoni mal-ftehim suċitati, ħlasijiet ta' salarji u ħlasijiet ta' manutenzjonijiet tal-ajruplani.*" (ara premessa 10 u 11).

**40.** Is-Soċjeta' konvenuta rikonvenjenti talbet għalhekk lil din il-Qorti ssib lis-soċjetá attriċi rikonvenuta kisret l-obbligi tagħha assunti favuriha "*meta hija ma utilizzatx il-block hours mifthemin bejn il-partijiet u meta unilateralment itterminat il-ftehim ta' bejn il-partijiet*" u konsegwentement tiddikjarha responsabbli għad-danni kif ukoll tiddikjarha debitriċi tagħha fis-somma ta' €70,753.01 "*rappreżentanti l-bilanċ dovut mir-rikonvenzjonata għall-servizzi ta' chartering ta' flights reżi lir-rikonvenzjonata mir-rikonvenzjonanti fuq inkarigu tagħha stess*".

**41.** Fl-affidavit tiegħu, Stefano Costantini jgħid li dawn il-block hours kienu mifthemin fl-"*accordo di partnership per provvedere i servizi a Astra*" (a' fol 442). Dan il-ftehim ta' sħubija/partnership, jekk sar, ma huwiex madanakollu preżentat fl-atti. L-uniku ftehim in atti li huwa ffirmat miż-żewġ Soċjetajiet partijiet fil-kawża huwa dak tal-4 ta' Lulju 2019 (fol 64). Huwa għalhekk fid-dawl ta' dan il-ftehim li t-talbiet tas-Soċjetá konvenuta rikonvenjenti għandhom jiġu kkunsidrati.

**42.** Kif ġja' ingħad, iċ-Charter Agreement numru 00001.01/2019, mhux preżentat in atti, li suppost kellu jirregola r-relazzjoni ta' bejn is-soċjetajiet parti f'din il-kawża, ma ġiex minnhom iffirmat. Konsegwentement, la waħda u lanqas l-oħra m'għandha l-jedd tippretendi ħlas ta' danni minħabba ksur unilaterali ta' dan il-ftehim li, la ma ġiex iffirmat, ma joħloq ebda vinkolu kuntrattwali bejn is-soċjetajiet partijiet fil-kawża.

**43.** L-artikolu 1125 tal-Kodiċi Ċivili "*jagħti azzjoni għad-danni kontra min jonqos u jikser l-obbligazzjonijiet li jkun refa' fuq spallejh*" (**Raffaele Mallia *vs.* Francesco Portanier et**, **Appell Ċivili, 27 ta' April, 1936**). Ladarba is-Soċjetajiet partijiet f'din il-kawża ddeċidew li ma jerfgħux fuq spallejhom l- obbligazzjonijiet dikjarati fic-charter agreement billi ma jiffirmawhx, ma jistgħux jippretendu ebda danni li tirreferi għalihom il-liġi taħt l-artikolu 1135 jew penali li tirreferi għalihom il-liġi taħt l-artikoli 1118 et seq tal-istess Kodiċi Ċivili abbażi tal-istess.

**44.** Fl-affidavit tagħha s-Soċjetá konvenuta rikonvenjenti donnha trid tqis bħala ftehim l-e-mail Dok AS 64 li permezz tagħha intbagħat il-programm ta' titjiriet (a' fol 442 u 743). Ġie madankollu stabbilit li "*Biex kuntratt jissodisfa l-vot tal-liġi jeħtieg li jkun fih dawk ir-rekwiżiti essenzjali kontemplati fl-Artikolu 966 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioè l-kapaċità, il-kunsens, l-oġġett u kawża leċita.*" (**Awotritá Marittima ta' Malta et vs Michelle Grech et**, **Qorti Ċivili Prim' Awla, 5 ta' Mejju 2016**). Tali e-mail

hija nieqsa minn kull rekwiżit rikjest fl-artikolu 966. Għaldaqstant bl-ebda mod ma tista tiġi meqjusa bħala li tikkostitwixxi ftehim bejn il-partijiet.

**45.** Hekk kif ġia joħroġ mill-fatti suesposti, bil-ftehim tal-4 ta' Lulju 2019 il-partijiet fil-kawża qablu li l-obbligi oriġinarjament assunti mis-soċjetá Konvenuta rikonvenjenti AES fil-kuntratt ACMI tal-10 ta' April 2019 tidħol għalihom is-Soċjetá Attriċi rikonvenuta Astra. Hemm ġie, inter alia, dikjarat is-segwenti:

"*1. ASTRA garantirá ad AES l'utilizzo delle seguenti ore di volo in base agli obblighi di ore volo garantite di cui all'ACMI, suddivise per mese salvo diversi accordi con ALK:*

*- Giugno 2019: 140 ore mensili*

*- Luglio 2019: 250 or mensili – AES proporrá ad ALK la suddivisione in pro-rata settimanale pari a 62.5 B/H settimanali per un totale settimanale di Euro 109.375,00*

*- lo stesso si applicherá per Settembre, con obbligo di 180 ore mensili;*

*- Lo stesso infine per Ottobre, con obbligo di 120 ore mensili;*

*Resta inteso che Astra pagherá in anticipo e manleverá ed indennizzerá AES nei confronti di ALK per i mancati pagamenti – Questo dovrá essere approvato da ALK, che dovrá in tal caso sottoscrivere apposito scarico di responsabilitá di AES per tali pagamenti attraverso la sottoscrizione di un*

*addendum all'ACMi in tal senso, che preveda come unico responabile per tali pagamenti solo Astra.*

*Qualora invece ALK non intendesse apportare tale modifica all'ACMI, resta inteso sin da ora che Astra fornirá ad AES congrua ed appropriata garanzia bancaria a copertura e tutela completa di AES a garanzia delle ore come descritto nel punto sub 1 pari al valore contratule per B/H* ..."

**46.** Il-validitá ta' dan il-ftehim, in kwantu jikkostitwixxi modifika tal-kuntratt ACMI stipulat fl-10 ta' April 2019, hija dipendenti fuq il-validitá ta' l-istess kuntratt ACMI. Hekk kif jirriżulta fl-email datata 13 ta' Lulju 2019 (a' fol 760), l-kuntratt ACMI ġie annullat wara sospensjoni tal-licenzja AOC tas-soċjetá Buzz Aero s.r.l.. Isegwi li, minn dik id-data, lanqas il-ftehim tal-4 ta' Lulju 2019 iffirmat bejn iż-żewġ Soċjetajiet in kawża ma baqa' validu.

**47.** Ladarba ma baqax validu, s-Soċjeta konvenuta rikonvenjenti m'għandha l-ebda dritt teziġi mis-Soċjetá Attriċi rikonvenuta d-danni riżultanti minn ksur ta' obbligazzjoni kontrattwali a tenur tal-artikoli 1125 et seq tal-Kodiċi Ċivili. Dan peress li l-ftehim tal-4 ta' Lulju 2019 ma ġiex terminat unilateralment mill-istess Soċjetá Attriċi iżda ġie reż bla effett b'konsegwenza tal-annullament tal-ftehim prinċipali ACMI tal-10 ta' April 2019.

**48.** Il-Qorti sejra għalhekk tiċħad l-ewwel erbgħa talbiet rikonvenzjonali u tgħaddi biex tqis il-ħames u s-sitt talba rikonvenzjonali għal ħlas ta' €70,753.01.

**49.** Is-Soċjetá Attriċi rikonvenjenti kkalkolat dan l-ammont bil-mod spjegat minnha fiż-żewġ paragrafi tal-affidavit ta' Stefano Costantini a' fol 437. Hemm hija tagħmel referenza għal Dok AS 47 (a' fol 671) u Dok AS 48 (a' fol 672).

**50.** Dok AS 47 hija tabella ta' ħlasijiet dovuti mis-Soċjetá Attriċi rikonvenjenti fil-31 ta' Awwissu 2019 u ħlasijiet imnaqqsa min dak dovut lill-istess Soċjetá Attriċi rikonvenjenti skont il-fatturi u noti ta' krediti preżentati f'Dok AS 48 bil-mod imfisser fl-affidavit ta' Stefano Costantini (a' fol 437) kif ġej:

1. Fattura 8 (fol 674) pari al costo della rotazione dell'annesso nr. 7 piu tasse per un valre totale di €35.627,20 per il volo NAP-LDE-NAP del volo 1 Luglio 2019;
2. Fattura 9 (fol 675) pari al costo della rotazione dell'annesso nr. 4 piu tasse per un valure totale di €44.895,20 per il volo FCO-DU-FCO del 3 Luglio 2019;
3. Fattura 10 (fol 676) pari al costo della rotazione dell'annesso nr. 7 piu tasse per un valore totale di €35.627,20 per il volo NAP-LDE-NAP del volo 5 Luglio 2019;

4. Fattura 11 (fol 677) pari al costo della rotazione dellżannesso nr. 7 piu tasse per un valore totale di €35.627,20 per il volo NAP-LDE-NAP 8 Luglio 2019;
5. Fattura 12 (fol 678) pari al costo della rotazione dell’annesso nr. 4 piu tasse per un valore totalie di €49.083,20 per il volo FCO-DU-FCO del 10 Luglio 2019;
6. Fattura 13 (fol 679) pari al costo della rotazione dell’annesso nr. 7 piu tasse per un valore totale di €31.750,40 per il volo NAP-LDE-NAP 12 Luglio 2019;
7. Fattura 14 (fol 680) per i voli di posizionamento del 25 Giugno 2019, 28 Giugno 2019, 30 Giugno 2019, 2 Luglio 2019, 5 Luglio 2019, e del 06 Luglio 2019 per un totale di €42.133,34 (recte €67.957,00).
8. Fattura 15 (fol 681) pari al costo della rotazione dell’annesso nr. 4 piu tasse per un valore totale di €46.960,80 per il volo FCO-DUB-FCO del olo 17 Luglio 2019. Questo volo non essendo fatto per revoca dell’AOC di buzz in data 12 Luglio 2019 e stata emessa regolare nota di credito n. 2 (fol 673) quindi la somma è stata totalmente stornata e non fatta pagare ad ASTRA.
9. Fattura 18 (fol 683) per i voli di posizionamento del 8 Luglio 2019, 12 Luglio 2019, per un totale di €40.083,00.
10. Fattura 19 (fol 684) per gli hotac da 25 Giugno 2019 al 11 Luglio 2019, piu il parcheggio dal 25 Giugno al 10 Luglio per un totale di €22.042,38 (recte €12.042,38).

11. Fattura 20 (fol 685) per block hour agreement of 4 July 2019 per un totale di €119.000,00.
12. Fattura N. 21 (fol 686) per le penalitá del mancato versamento del deposito all'interno della data come da contratto per un totale di €7.729,30 riferito a ritardato pagamento del deposito annex 4 di 21 giorni, ritardato pagamento del deposito annex 1 di 21 giorni e ritardato pagamento del deposit annex 7 di 1 giorno.
13. Fattura N. 22 (fol 687) per le penalitá del mancato versamento dei voli all'interno della data come da contratto per un totale di €2.623,26 Euro nel dettaglio ritardo pagamento volo del 26 Giugno 2019 di 4 giorni, ritardo pagamento volo del 29 giugno 2019 di 5 giorni, ritardo pagamento volo dell'8 Luglio di 11 giorni ritardo pagamento volo del 10 Luglio di 8 giorni, ritardo pagamento volo del 12 Luglio di 6 giorni.
14. Fattura N. 23 (fol 688) per le penalitá dei voli cancellati da ASTRA su propria iniziattiva e in accordo agli e in accordo agli annessi annex, 6 volo PMI, Annex 3 volo SSH, ANNEX 4 (vecchio) NAP-MBE-NAP e Cancellazione Annex 7 (vecchio) MXP-TOS-MXP, cancellazione volo SSH del 7 luglio 2019 e Cancellazione volo SSH del 14 Luglio 2019 volo per un totale di €155.880,00.
15. Fattura N. 25 (fol 689) per pick up del 4 Luglio 2019 per un totale di €1.184,00.
16. Il totale delle fatture emesse al netto delle note di credito rimborsate ASTRA doveva dare ad AES €564.205,17 al cui totale vanno detratti:

a. Il bonifico di €160.000 fatto da ASTRA in data 8 Luglio 2019
b. Gli anticipi fatti da ASTRA per conto di AES per un totale di €83.041,36.

**51.** F'din l-ispjega ma ġietx inkluża l-credit note numru 1 (a' fol 672) fl-ammont ta' €74.404,17. Dan l-ammont ġie madankollu mnaqqas fil-kalkolu hekk kif jidher f'Dok AS47 (a' fol 671).

**52.** Flimkien ma dawn il-fatturi s-Soċjetá konvenuta rikonvenjenti kienet mal-kontrotalba preżentat fatturi u credit note oħra li ma humiex inklużi f'dan il-kalkolu (ara Dok AES3 fattura 16 fol 76, fattura 17 fol 77, fattura 1 fol 87, fattura 2 fol 89, credit note 3 fol 90, fattura 3 fol 91, fattura 4 fol 92, fattura 5 fol 93, fattura 6 fol 94, fattura 7 fol 95). Il-Qorti tifhem għalhekk li s-Soċjetá Konvenuta rikonvenjenti m'għadx għandha pretensjoni fuq is-somom indikati fil-fatturi li ma ġewx hekk inklużi f'dan il-kalkolu.

**53.** Numru ta' dawn il-fatturi ġew kontestati mis-soċjetá Attriċi rikonvenuta fl-affidavit ta' Antonio de Ponti ( a' fol 443 para 14 u 15).

**54.** Biss qabel ma tidħol f'determinazzjoni ta' dak tassew dovut mill-istess Soċjetá Attriċi rikonvenuta, il-Qorti sejra mall-ewwel tqis bħala mhux dovuti il-penali għal pagamenti tardivi indikati fil-fatturi numri 21, 22 u 23. Dan għaliex fl-ebda ftehim preżentat u debitament iffirmat, lanqas fl-annexes infushom, ma hemm klawżola li tobbliga s-Soċjetá Attriċi rikonvenuta tħallas penali f'każ ta' pagament tardiv hekk kif jirrikjedu l-

artikoli 1118 et seq tal-Kodiċi Ċivili. L-ammonti indikati f'dawn il-fatturi se jiġu għalhekk imnaqqsa mill-ammont globali pretiż mis-Soċjetá Konvenuta rikonvenjenti.

**55.** Fl-affidavit tiegħu Antonio de Ponti jagħmel referenza għal tabella preżentata bħala Dok ADPA 3 fejn turi li l-fatturi 11, 12 u 13 kif ukoll somma ulterjuri ta' €43.539,20 ġew debitament imħallsa (a' fol 786). Ma ġiet madanakollu preżentata ebda debita riċevuta jew xi forma oħra ta' rikonoxximent għal dan il-ħlas. Il-Qorti għaldaqstant se tibqa' tqishom bħala dovuti.

**56.** Antonio de Ponti jagħmel ukoll referenza għal fattura 15 u jgħid li din ġja' ġiet imħallsa lis-Soċjetá konvenuta rikonvenjenti u hija inkluża fin-nota ta' creditu numru 2. Dan ma ġiex kontestat minn Stefano Costantini tant li l-ammont ġie fil-fatt imnaqqas.

**57.** Is-sur de Ponti jikkontesta wkoll il-fatturi numri 14, 18, 19 u 25 "*perchè l-Astra non è d'accordo nel dovere pagare per i posizionamenti di voli ferry visto che i contratti dell'Astra erano per voli specifici e dove operavano altorve non era di sua comopetenza ed impegno. Inoltre e nel riguardo della fattura 19, vedendo il prezzo delle rotazioni è evidenti che nei costi sono incluse tutte le spese operative incluse quelli degli equipaggi che non sono da pagare dall'Astra*". Jiġi iżda rilevat li s-Soċjetá Astra assumiet dawn l-obbligi bil-ftehim tal-4 ta' Lulju 2019 (ara klawżola numru

3). Isegwi għalhekk li l-ammont indikat fl-imsemmija fatturi numri 14, 18, 19 u 25 huwa dovut.

**58.** Fir-rigward tal-fattura numru 20, is-sur de Ponti jgħid li "*l-ammontare si riferisce a ore volo garantite dall'AES/Fly Leone ad ALK per il mese di giugno. Ammonto, se voluto, è di responsabbilitá dell' AES stessa*". Ma hemm xejn però f'din il-fattura li turi dak sottomess mis-Sur de Ponti. Kull ma hemm indikat hua "*ALK airlines refunds block hours agreement of 4-July-2019*" li huwa l-ftehim iffirmat miż-żewġ Soċjetajiet in kawża. Il-Qorti għalhekk u fin-nuqqas ta' prova mod ieħor, tqis dan l-ammont bħala dovut.

**59.** Is-Sur de Ponti jżid ukoll li l-credit note numru 1 għandha tkun ta' €90.300, jiġifieri għandha tiġi awmentata b'€15.895,83. Billi ma hemm mniżżla ebda raġuni għaliex is-Sur de Ponti qed jaħseb hekk, il-Qorti tqis li m'għandhiex tnaqqas din iż-żieda mill-ammont hekk dovut.

**60.** Il-penali li ma humiex dovuti, magħduda flimkien, jammontaw għal €165,732.5 (€7,229.30 + €2,623.26 + €155,880) u ċioè iktar mill-ammont ta' €70,753.01 reklamat mis-soċjetá Konvenuta rikonvenjenti bħala dovut mis-soċjeta Attriċi rikonvenuta. Dan għalhekk ifisser li s-Soċjetá konvenuta rikonvenjenti hija fil-fatt debitriċi tas-Soċjetá Attriċi rikonvenuta u dan fl-ammont ta' €94,949.55 (€70,753.01 – €165,732.50). Minn din is-somma, €90,264.88 tikkonsisti f'somom ta' flus indikati f'Dok AAS11 sa Dok AAS26 li s-Soċjetá Attriċi ħallset f'isem is-Soċjetá konvenuta, u €4,684 (€94,949.55 - €90,264.88) tikkonsisti f'parti mill-ħlas ta' depożitu ta'

€46,960.80 mniżżel f'annex 4 għat-titjira tas-17 ta' Lulju 2019. Il-bqija ta' din is-somma, li tammonta għal €42,276.80, għandha għalhekk tibqa paċuta ma dak dovut lis-Soċjetá konvenuta mis-Soċjetá Attriċi.

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi

**Tilqa' limitatament l-eċċezzjoni numru 1.i tas-Soċjeta' Konvenuta Aerospace Engineering Services Ltd** għall-ammont ta' tnejn u erbgħin elf, mitejn sitta u sebgħin Ewro u tmenin ċenteżmu (€42,276.80) rappreżentanti parti mill-ħlas ta' depożitu ta' €46,960.80 mniżżel f'annex 4 għat-titjira tas-17 ta' Lulju 2019;

**Tilqa' l-eċċezzjoni numru 1.ii tas-Soċjeta' Konvenuta Aerospace Engineering Services Ltd limitatament fil-konfront tal-ħames u s-sitt talba attriċi;**

**Tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet tas-Soċjeta' Konvenuta limitatament safejn dawn huma kompatibbli ma' din is-sentenza;**

**Tilqa' limitatament l-ewwel talba attriċi** billi tiddikjara illi s-Soċjeta' Konvenuta hija debitriċi tas-Soċjeta' Attriċi fis-somma ta' **erbat elef, sitt**

**mija erbgħa u tmenin Ewro (€4,684)** rappreżentanti parti mill-ħlas ta' depożitu ta' €46,960.80 mniżżel f'annex 4 għat-titjira tas-17 ta' Lulju 2019;

**Tilqa' limitatament it-tieni talba attriċi** billi tikkundanna u tordna lis-Soċjeta' Konvenuta tħallas din is-somma ta' **erbat elef, sitt mija erbgħa u tmenin Ewro (€4,684)** lis-Soċjeta' Attriċi;

**Tiċħad it-tielet u r-raba talba attriċi;**

**Tiċħad il-ħames u s-sitt talba attriċi;**

**Tilqa' limitatament s-seba' talba attriċi** billi tiddikjara u tiddeċiedi illi s-Soċjeta' Konvenuta hija debitriċi tas-Soċjeta' Attriċi fis-somma ta' **disgħin elf, mitejn erbgħa u sittin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmi (€90,264.88)** rappreżentanti somom ta' flus indikati f'Dok AAS11 sa Dok AAS26 illi tħallsu mis-Soċjeta' Attrici f'isem is-Soċjeta' Konvenuta;

**Tilqa' limitatament it-tmien talba attriċi** billi tikkundanna u tordna lis-Soċjeta' Konvenuta tħallas din is-somma ta' **disgħin elf, mitejn erbgħa u sittin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmi (€90,264.88)** lis-Soċjeta' Attrici;

**Tiċħad it-talbiet rikonvenzjonali**.

Bl-imgħax legali applikabbli mid-data ta' din is-sentenza.

L-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali numru 4141/2019, fiċ-ċirkostanza, jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**